# IL-MORALI U L-OMOSESS-WALITÀ

**Minn**

**George Ebejer**

© George Ebejer, 1997.

Id-drittijiet kollha riservati. Ebda parti minn din il-publikazz-joni ma tista' tkun irriproduċuta b'xi mezz ikun xi jkun min-għajr il-premess minn qabel tal-proprjetarju tal-copyright.

# KONTENUT


Introduzzjoni 4

L-Ewwel Parti
Il-Morali U L-Omosesswalità 7

It-Tieni Parti
Omosesswalità, Mod Ta' Ħajja Jew Perversjoni 14

It-Tielet Parti
Omosesswalità: Is-Suġġett Reali—l-Għarfien Tagħna u t-Tweġiba Tagħna Għalih 21

Ir-Raba' Parti
Il-Ġene Nieqes 'Gay' 30

Il-Ħames Parti
Omosesswalità—L-Aħħar Kriżi Korretta 33

Is-Sitt Parti
L-Omosesswalità U l-Bijoloġija: Nistgħu Aħna Nitfgħu l-Ħtija Fuq it-Tnissil Tagħna? 37

Konklużjoni 45

Riferenzi 46

## INTRODUZZJONI

Intom tafu x'inhi "miraġġ." Din hija illużjoni ottika. Minn distanza din tidher li hija xi ħaġa li mhix. Aħna nafu x'jiġri meta vjaġġaturi jkunu fid-deżert u jkunu qed ibatu l-għatx, iħarsu quddiemhom u jaraw xi ħaġa li tkun tidher bħal nixxiegħa ta' l-ilma, huma jagħmlu sforz biex jilħqu dak l-ilma bittama u antiċipazzjoni—biss biex isibu li huma kienu ngannati permezz ta' miraġġ fuq ir-ramel jaħraq. Il-miraġġ m'għandha ebda qawwa biex taqta' l-għatx tagħhom jew li ssalvalhom ħajjithom.

Bl-istess mod, Satana jiċċaqlaq b'mod biex iħajjar: "Ejja! Ara, hawn hu l-ilma tal-ħajja ! Ħu minnu! Issodisfa r-ruħ bil-għatx tiegħek! Kun ferħan!" Imma Satana hu l-Akbar Qarrieqi tad-dinja, kap li jagħmel l-affarijiet li jidhru li huma dak li mhumiex. Ir-ramel taż-żminijiet hu mifrux ma' dawk li jgħaġġlu għal miraġġi tiegħu u jmutu hemm bil-għatx tar-ruħ, għajjiena, u ngannati, u b'qalbhom maqsuma. Satana m'għandux l-ilma tal-ħajja. Ebda setgħa biex jaqta' l-għatx tar-ruħ jew jagħmel persuna kuntenta. Dak li hu joffri mhu xejn ħlief miraġġ.

Illum qegħdin naraw il-miraġġ li Satana qiegħed joffri, dik tal-"moralità." L-għajta li l-bniedem modern huwa differenti, li hu għeleb il-veritajiet li nsibu fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, ippromwovat l-iżvilupp tad-dottrina tal-"moralità l-ġdida." X'inhi din "il-moralità ġdida"? Din hija li "xejn ma hu tajjeb jew ħażin fih innifsu. Veritajiet reliġjużi huma suġġettivi. Kull ħaġa li tidher li hija ta' benefiċċju għalik u żżid għall-ġid kollu tiegħek, mingħajr ma tagħmel ħsara lil ħaddieħor, hija tajba u moralment tajba għalik. Kull persuna hija libera biex tiddeċiedi għaliha nfisha dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin."

Il-Bibbja tgħallem illi "d-dnub huwa l-ksur tal-liġi" (1 Ġwanni 3:4) jew ommissjoni tagħha (Ġakbu 4:17). Nies li jħaddnu l-veduta li ma hemm ebda liġi assoluta huma mwassla għall-konklużjoni li ma hemm ebda dnub assolut. Dan it-tagħlim fetaħ l-ilqugħ ta' l-ilma u ħalla joħroġ id-dilluvju ta' l-immoralità, kriminalità, u kull xorta ta' ħażen fuq id-dinja.

M'hemm xejn ġdid dwar "il-moralità ġdida." Din hija *immoralità* antika f'libsa ġdida. Din hija l-manuvra antika li tipprova tbiddel il-kontenut billi tbiddel il-marka, jew biex tiġġustifika u tippurifika l-ħażen billi ssejjaħlu tajjeb. Ma hemm xejn ġdid dwar dan fis-seklu tagħna għaliex sekli ilu nies ippruvawh dan. Huma sejħu l-ħażin tajjeb, u t-tajjeb ħażin. Huma ppruvaw biex jissostitwixxu d-dlam għad-dawl. Għorrief f'għajnejhom stess huma warrbu l-liġi ta' Alla u kienu meqruda. Naqraw f'Isaija 5:20-25,

> "*Ħażin għal dawk li jgħidu l-ħażin tajjeb, u t-tajjeb ħażin; li jqiegħdu d-dlam flok id-dawl, u d-dawl flok id-dlam; li jqiegħdu l-morr flok il-ħelu, u l-ħelu flok il-morr! Ħażin għal dawk li huma għorrief f'għajnejhom, u li minn għalihom għaqlin! Ħażin għal dawk li huma rġiel biex jixorbu l-inbid, u rġiel ta' saħħa biex iħalltu xorb qawwi: Li jiġġustifikaw il-ħażin bit-tixħim, u jieħdu d-dritt ta' min hu ġust! Għalhekk bħalma n-nar jaħraq it-tiben, u l-fjamma teqred il-ħaxix niexef, hekk għerqhom ikun bħal taħsir, u n-nwar tagħhom jitla' bħat-trab; għax huma rmew il-liġi tal-Mulej ta' l-eżerċti, u maqdru kelmet il-Qaddis ta' Iżrael. Għalhekk xegħel għadab il-Mulej għall-poplu tiegħu, u medd idu kontra tagħhom, u darabhom: u triegħdu l-għoljiet, u l-iġsma tagħhom mejta kienu mqattgħin f'nofs it-toroq. B'dan kollu, għadbu ma twarrabx, iżda idu għadha mimduda.*"

Dan ma rnexxiex dak iż-żmien u ma jirnexxiex illum! Aħseb ftit x'vittorja tkun għal Satana li jikkonvinċi lin-nies li huma jistgħu jidinbu u jsejħu d-dnub tagħhom moralità. Dan lanqas ma huwa ġdid. Matul diversi perjodi ta' l-istorja, nies għamlu dan bosta drabi, ukoll għall-punt li saċerdotessi fit-tempji pagani kienu jwettqu l-prostituzzjoni bħala rit reliġjuż—jipprattikaw il-ħażen u jsejħulu tajjeb. Satana wassal lil ħafna

biex jemmnu lid-dnub jista' jkun imtalla' fl-istat ta' rispettab-biltà jekk ikun hemm "nies tajba" biżżejjed li jagħmluh, li kull prattika tista' tkun ippurifikata jekk il-maġġoranza sempliċiment tiddeċiedi li taċċettaha. Fiż-żmien ilu, Alla rrifjuta din l-idea*: "Jagħmel x'jagħmel, il-ħażin ma jeħlishiex*" (Proverbji 11:21). Ma jimpurtax kemm nies jingħaqdu flimkien u jaqblu biex japprovaw prattika midinba, dan la jneħħi l-kruha tagħha u lanqas ma jibdel il-konsegwenzi tagħha.

Suppost li xi ħadd jieħu flixkun velenu u jagħmillu marka li hu "ħalib." Inti tista' tkun ingannat bil-marka u mwassal biex tixrob minnu, imma jbiddel dan ir-riżultat? Tgawdi int il-benefiċċju tal-ħalib? Jew l-effetti tal-velenu? Ma jimpurtax kemm jagħmlu ħoss id-difensuri ta' ċerta prattika midinba llum u li l-prattika llum hija permessa taħt "sistema ġdida ta' etika," wieħed li jkun imqarraq ibati l-effett qares tad-dnub.

Illum qegħdin nisimgħu ħafna dwar l-omosesswalità bħala li hija "mod ta' ħajja" u li l-omosesswalità għandha tkun meqjusa bħala "dritt" ta' l-individwu. Mhux dan biss, imma li l-omosesswali għandu jkollhom id-dritt li jrabbu t-tfal, u dan mhux għaliex it-tfal ikunu ltiema, imma għas-sodisfazzjon personali tagħhom. Forsi xi omosesswali Maltin għadhom ma waslux sa hawn, imma x-xeħta hemm qiegħda. Jekk wieħed jaqra x'inhu jsir barra minn Malta dan malajr jinduna x'inhuma l-iskopijiet ta' l-omosesswali, kif se naraw aktar 'il quddiem.

Nittama li dan l-istudju qasir tiegħi, iservi ta' għajnuna għal dawk kollha li tabilħaqq jinsabu f'din is-sitwazzjoni ta' l-omosesswalità u li jixtiequ li ma jibqgħux f'dak il-jasar. Naċċertakom li ma tkunux l-ewwel nies li abbandunajtu l-prattika omosesswali tagħkom għaliex ħafna huma dawk li qegħdin jiġġieldu kontra din il-prattika u dawn huma nies li kienu omosesswali wkoll.

L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna*: "Ippruvaw kollox; it-tajjeb żommuh, u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta' ħażen*" (1 Tessalonikin 5:21, 22). Ħalli nagħtu widen għal dan il-pariri.

**George Ebejer**

**L-EWWEL PARTI**

# IL-MORALI U L-OMOSESSWALITÀ

L-omosesswalità saret suġġett ta' diskussjoni mportanti ħafna. Dawk li jemmnu fil-Bibbja Mqaddsa jaħsbu li l-omosesswalità hija dnub; ħafna oħrajn jarawha sempliċiment bħala mod ta' ħajja ris-pettabbli.

## PRESSJONI GĦAL L-OMOSESSWALITÀ

Li hemm pressjoni konsiderevoli fis-soċjetà tagħna biex taċ-ċetta l-omosesswalità bħala b'mod ta' ħajja leġittmu ħadd ma jista' jiċħdu. Wieħed dan jisimgħu u jarah fl-aħbarijiet, fit-televiżjoni, fuq ir-radju, fil-politika u kullimkien. Il-persuna f'bosta program-mi tar-radju u tat-televiżjoni li hija meqjusa bħala li mhix normali hija dik il-persuna li temmen li l-omosesswalità mhix normali u dnub. Din it-tendenza bdiet madwar is-sena 1950 u baqgħet għad-dejja sal-lum. Il-pressjoni tant hija kbira li ħafna Kristjani fil-ħajja publika qegħdin jiġu ntimidati f'silenzju! Ma jkun qatt!

Li tagħti appoġġ fundamentali għal dan il-moviment hija l-filosofija umanista li dejjem qed issir aktar b'saħħitha sa mis-sena 1959. Xi wħud mill-ħsibijiet rilevanti tagħhom għal din id-diskus-sjoni huma li n-nies m'għandhomx setgħa aktar għolja għal gwida minnhom infushom u li l-pressjoni hija realtà, (jiġifieri, dak li per-suna tagħraf huwa realtà.)

Relativiżmu (ma hawn xejn li huwa assolut) bħal dan, jim-mina l-bażi tagħna bħall-moralità. Argumenti Bibliċi fuq is-sess-walità qegħdin jiġu mwarrba fil-ġenb għall-ħsibijiet umani u kif il-bniedem iħoss. Madankollu, *"mhuwiex fil-bniedem li jimxi biex jidderieġi l-passi tiegħu*" tgħidilna l-Kelma ta' Alla (Ġeremija 10:23). It-teologi u l-filosfi li fetħu t-triq għal l-istil ta' ħajja omo-sesswali kollha wżaw ħafna l-kliem u l-ideat ta' l-umaniżmu. Il-filosofija umanista li tħalli lil Alla barra, mill-istampa timmina l-bażi Biblika tagħna għall-moralità. Filosofija bħal din meta tinqara għandha tkun imħarsa permezz tal-Bibbja pjuttost milli wżata biex tiġġudika l-Bibbja. Emmiena Kristjani ma jistgħux jaffordjaw li jieħdu l-avviċinar tad-dinja f'din il-

kwistjoni, għaliex f'li jagħmlu dan, huma jkunu qegħdin jabbandunaw il-Kristjaneżmu! Kif Sala-mun qal fi Proverbji 14:12, "*Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd, iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħha.*" Huma jmorru minn dnub wieħed għal dnub ieħor u ma jagħrfux lil Alla. Ġeremija dan igħidu ċar, f'kapitlu disa', vers tlieta,

> "*U jmiddu lsienhom bħall-qaws tagħhom għall-gideb; il-gideb, mhux is-sewwa, kiber b'saħħtu fil-pajjiż; għax huma jimxu minn ħażen għal ħażen, u lili ma jagħrfunix igħid il-Mulej.*"

Il-Kristjani għandhom jirreżistu akkost ta' kollox it-tentazz-joni biex jimxu mal-pressjoni ta' ngan ħalli jaqblu mad-dinja fuq il-kwistjoni ta' l-omosesswalità. Aħna m'għandniex noqgħodu jew naqblu ma' din id-dinja imma li "*nkunu mibdula skond it-tiġdid tal-fehma tagħna*" (Rumani 12:1, 2).

**X'TGĦID IL-BIBBJA MQADDSA**

Hemm ħames siltiet li espliċitament jittrattaw dwar l-omoses-swalità: Levitku 18:22; 20:13; Rumani 1:26, 27; 1 Korintin 6:9-11; u 1 Timotju 1:8-10. Ħalli issa nistudjaw sewwa dawn is-siltiet waħda waħda.

> Levitku 18:22 – "*Ma' raġel la timteddx, bħal ma' mara: hi ħaġa moqżieża.*"

> Levitku 20:13 – "*Raġel li jagħmel ma' ieħor, bħal ma' mara, ikunu t-tnejn għamlu ħaġa moqżieża: jagħtuhom il-mewt; demm-hom ikun fuqhom.*"

Dawn is-siltiet igħallmu li sess omossesswali huwa abominaz-zjoni (saħta) u li nies li jipprattikaw abominazzjonijiet bħal dawn kellhom ikunu mpoġġija għall-mewt! U huma kienu responsabbli għall-mewt tagħhom infushom. Siltiet bħal dawn ma jistgħux ikunu mwarrba fil-ġenb bi stqarrija li projbizzjonijiet bħal dawn kienu minħabba superstizzjonijiet (taboos) kulti ta'

oriġini umana fil-kultura Lhudija tal-bidu. Il-Bibbja Mqaddsa hija ispirata minn Alla. Għalhekk dawn is-siltiet huma l-Kelma ta' Alla. Il-mistoq-sija, mela, hija jekk Alla jneħħix lill-persuna jew le talli tikser użanza. It-tweġiba hija ovvja. Il-leġislazzjoni Levitka iffigurat minn quddiem ix-xogħol ta' Kristu u l-imġieba Kristjana. Il-fatt li materjal Levitku kien jixbaħ sistemi oħra legali u reliġjużi tal-Lvant Qarib ma jiċħadx l-ispirazzjoni tiegħu.

Din il-prattika kienet ikkundannata għaliex huma kienu ħżiena fihom infushom, mhux sempliċiment għaliex kienu assoċ-jati ma' kulturi idolatri fl-Eġittu u f'Kangħan. L-omosesswalità hija msemmija fil-kuntest immedjat ta' l-adulterju, bestjalità, u sagrifiċċju tat-trabi, kollha ħżiena fihom infushom. Din il-prattika kienet parti mill-kulturi ta' madwar li Iżrael kien imwissi biex ma jadottax!

It-test fit-Testment il-Ġdid li x'aktarx huwa l-aktar li jikkun-danna b'mod ċar l-omosesswalità huwa Rumani 1:26-27 fejn naq-raw hekk:

> "*Għalhekk Alla telaqhom għal ġibdiet bla ġieħ. In-nisa tagħhom bidlu l-użu naturali fl-użu kontra n-natura hekk ukoll l-irġiel ħallew l-użu naturali tal-mara u xegħlu bil-passjoni għal xulxin, irġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ bla ġieħ; u bi ħlas ta' dan jirċievu fi-hom infushom il-ħlas li ħaqqhom ħtijiethom.*"

F'din is-silta, l-appostlu Pawlu jikkundanna l-atti omosesswali kemm tar-raġel kif ukoll tal-mara. Hu jidher ukoll li jara l-pass-jonijiet omosesswali li jwasslu għal dawn l-atti bħala midinba għalkemm il-kundanna f'vers 31 hija fuq dawk li *jagħmlu* dawn l-affarijiet, mhux sempliċiment fuq dawk li *jaħsbu* affarijiet bħal dawn.

Il-kwistjoni mhix jekk Alla jħobbx lill-bnedmin kollha. Hu tabilħaqq iħobb lil kulħadd inkluż lil l-adulteri, lill-ħallelin, u lil l-omosesswali. Imma dan ma jfissirx li Alla jħaddan din il-prattika. Nies bħal dawn jintqal lilhom biex jindmu, kif sejrin naraw fis-silta tagħna li jmiss. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk:

*"Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali, la ħallelin, la rgħiba, la skaren la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla! U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna*" (1 Korintin 6:9-11).

Din is-silta biċ-ċar tgħallem li omosesswali prattikanti li ma jindimx ma qagħadx għas-Sinjurija ta' Ġesù Kristu u ma jistax jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet. Xi wħud jippruvaw li jevitaw il-qawwa ta' din is-silta billi jgħidu li l-istess ikun minnu għall-persuni xħaħ, imxenqa għall-ħwejjeġ ta' ħaddieħor. "Aħna lkoll midinba" jgħidu huma. Waqt li dan hu minnu hemm differenza bejn midneb li jindem u mbagħad jesperjenza nuqqasijiet jew jaqa' f'xi waqtiet u wieħed li **jiċħad** li hu għandu dnubiet u għalhekk ma jindimx, u jgħid, "Ma hemm xejn ħażin fija," kif sfortu-natament xi qassisin Kattoliċi qegħdin jgħidu kemm fuq ir-radju kif ukoll fil-ġurnali, li Alla jaċċetta 'l dak li jkun *kif inhu*! L-appostlu Pawlu jindika liż-żienja, l-idolatri, l-adulteri, l-effeminati, l-omosesswali, il-ħallelin, ir-rgħiba, is-skaren, il-qassiesa fuq in-nies, il-ħattafa, dawn ħadd minnhom ma jiret is-saltna ta' Alla! Dan jista' ma jaqbilx mal-loġika *tagħna* imma dak hu li l-ispirazz-joni tgħid. Ħalliel jista' jħoss illi s-serq li jkun qed jagħmel ma jkun fih xejn ħażin għalih imma kif dan jinqabad u jidher fil-qorti, l-imħallef jikkundannah kemm jekk hu jaqbel u kemm jekk ma jaqbilx. Hekk ukoll l-omosesswali, mhux kwistjoni ta' x'jaħseb hu dwar l-omosesswalità, l-Imħallef il-Kbir din jikkundannaha u meta dan jidher quddiemu jkollu jieħu dak li ħaqqu. Aħna m'għandniex inkomplu fid-dnub biex toktor il-grazzja (Rumani 6:1).

Is-silta tagħna li jmiss, hija 1 Timotju 1:8-11, fejn naqraw:

*"Issa aħna nafu li l-liġi hi tajba jekk wieħed jiqeda biha tajjeb; nafu li l-liġi ma mhix ma-għmula għal dawk li huma tajbin, imma għal*

*dawk li huma bla liġi u bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ommijiethom, qattiela, żienja, sodomiti, negozjanti ta' l-ilsiera, giddieba, sperġuri; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ. Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta' Alla l-imbierek, afdat f'idejja.*"

Il-kelma għal omosesswali hawn hija *arsenokoitai*, omosesswali raġel. Dowell Flatt igħid: "Tgħaqqad dan il-kliem 'raġel' (*arsen*) u 'sodda' (*koitai*), dan letteralment jiddeskrivi '*persuna-tas-sodda-raġel*.' Din hija kundanna ċara ta' raġel ikollu s-sess ma' raġel ieħor." (Bill Flatt, Jack Lewis, u Dowell Flatt, *Counselling the Homosexuals*, Jonesboro, Arkansas: National Christian Press, 1983, p. 43).

Xi skulari jwarrbu din is-silta fil-ġenb għaliex hija waħda mill-ittri pastorali miktuba meta, huma jaħsbu, il-Krsitjaneżmu kien sar iebes u dottrina minflok spontanju u mimli bl-Ispirtu. Ma-dankollu, għal dawk li jemmnu fil-Bibbja Mqaddsa din mhix man-uvra adegwata. L-Iskrittura **kollha** hija ispirata minn Alla, u din is-silta hija Skrittura! U l-messaġġ tagħha huwa sewwasew f'linja ma' siltiet oħra ta' qabel li l-appostlu Pawlu kiteb (Rumani 1:18-32; 1 Korintin 6:9-11).

## PARIRI LI JGĦINU

Pariri li jidhru li huma effettivi ħafna f'li jgħinu lil l-omosesswali jinkludu attitudni ta' li wieħed ikollu interess fl-ieħor, fehma ta' kif huma (l-omosesswali) waslu biex iħossu dak li jħossu, kondizzjonijiet kuntrarji mistura wżati minn psikoloġisti u professjonisti oħra (is-sess huwa primarjament fil-moħħ), enfasi fuq il-Kelma ta' Alla u l-Ispirtu ta' Kristu li jgħix fina (Galatin 2:20; 2 Timotju 1:5; 3:14-17), dixxiplina tiegħek innifsek, knisja, l-iżvilupp ta' ħbieb eterosesswali, (sesswalment normali; jinġibed mis-sess oppost), twaqqif ta' qari ta' letteratura omosesswali u l-assoċjazzjoni ma' omosesswali attivi, u l-użu ta' kondizzjonijiet privati pożittivi (użati minn

professjonisti) biex tkabbar potenzjal; eterosesswali, u kontroll tiegħek innifsek huma kollha parti mis-soluzzjoni.

Xi ngħidu, jekk wara dan kollu persuna xorta waħda jibqa' jkollha ħsibijiet u xewqat omosesswali? L-enfasi hija fuq li tik-kontrolla x-xewqat u l-ħsibijiet biex b'hekk dawn ma jikkont-rollawx l-imġieba tagħha. L-istess kif raġel miżżewweġ jista' jkollu xewqat u ħsibijiet meta hu jara mara sabiħa li ma tkunx martu u huwa jikkontrollahom għaliex jaf li dik mhix martu, hekk ukoll l-omosesswali għandu jikkontrolla x-xewqat u l-ħsibijiet tiegħu.

## KONKLUŻJONIJIET

Mela jiena nħallik b'dawn il-perspettivi dwar l-omosesswalità minn ħarsa Biblika u psikoloġika:

1. Alla ħalaq is-sesswalità.
2. Il-Kelma ta' Alla tpoġġi l-espressjoni tas-sesswalità umana fiż-żwieġ bejn raġel u mara u tgħaqqad mill-qrib mar-riproduzzjoni u l-prevenżjoni taż-żena.
3. Sess barra miż-żwieġ huwa ikkundannat.
4. L-omosesswalità hija kontra għar-rieda ta' Alla.
5. Il-knisja għandha tagħmel distinzjoni bejn orjentazzjoni omosesswali u azzjoni omosesswali—Kristjani għandhom bl-għajnuna ta' Alla, jikkontrollaw l-inklinazzjonijiet tagħhom lejn il-ħażen.
6. Orjentazzjoni omosesswali hija diffikultuża ħafna biex tibdilha.
7. Xi omosesswali ħabbru bidla fl-orjentazzjoni, normalment bidla parzjali.
8. Omosesswali jistgħu, bl-għajnuna ta' Alla, u x'aktarx b'kunsillieri ppreparati tajjeb professjonalment, jitgħallmu biex jikkontrollaw l-imġieba tagħhom.
9. Il-knisja għandha tirreżisti milli tkun ikkondizzjonata minn filosofija umanista u teoloġija liberali biex taċċetta l-omosesswalità bħala mod ta' ħajja alternattiv.
10. Il-knisja għandha tgħallem li l-Bibbja Mqaddsa tgħallem fuq is-sesswalità umana.

11. Il-knisja għandha tabilħaqq taċċetta omosesswali li jindmu.
12. Il-knisja għandha toqgħod ħafna fuq Alla, l-Ispirtu Tiegħu, Kristu u l-Kelma Tiegħu.

## IT-TIENI PARTI

# OMOSESSWALITÀ, MOD TA' ĦAJJA JEW PERVERSJONI

Wieħed mill-aktar moviment ta' ħsara u nsidujużi li qam mill-ħażen baxx tal-bniedem f'dawn l-aħħar snin huwa l-hekk imsejjaħ "Gay Movement." "L-istil ta' ħajja omosesswali" (verament stil tal-mewt), b'appoġġ konsiderevoli mill-industrija ta' l-*entertainment* u publiċità sinjifikanti mill-medja ta' l-aħbarijiet, huwa fenomenu li dejjem qiegħed jikber. Issa mhumiex aktar kuntenti li jipprattikaw il-ħażen tagħhom wara bibien magħluqa, is-sodomiti issa qegħdin joħorġu fost is-soċjetà u jikkonvinċuha li huma parti minnha flimkien mal-ħażen tagħhom bl-iskuża li huma għandhom id-dritt għad-drittijiet kollha li ċittadin onorabbli għandu. Dawn in-nies qegħdin bit-tattika tagħhom jiġbdu s-simpatija ta' ħafna biex b'hekk huma jkollhom aktar libertà ħalli jipprattikaw l-għemil żieni tagħhom mingħajr ma jkunu jidhru li qegħdin jagħmlu xi ħaġa ħażina!

### IL-KAWŻA TA' L-OMOSESSWALITÀ

Eżattament x'inhu responsabbli għall-orjentazzjoni omosesswali? Fis-snin li għaddew xi awtoritajiet mediċi ddikjaraw li l-omosesswalità kienet jew ir-riżultat ta' problemi ġenetiċi (varjazz-jonijiet mhux normali tal-komożoni) jew tbegħid psikoloġiku mill-korsa ta' ħajja normali. Issa huwa magħruf li fil-biċċa l-kbira ta' każijiet ta' omosesswalità dan mhuwiex il-każ. L-istudju ta' Pritchard ta' omosesswali rġiel sab kumpliment normali ta' XY kromożoni f'kull każ. (Journal of Medical Science, 108, 1962). Barra minn dan, fis-sena 1974 l-Assoċjazzjoni Psikjatra Ameri-kana ivvutat biex tneħħi l-omosesswalità mil-lista tagħha ta' mard mentali. Fir-rebbiegħa tas-sena 1979, wara studju ta' għaxar snin, l-istudjużi dwar is-sess, Masters u Johnson ikkonkludew li l-omo-sesswalità għal ħafna persuni la hija marda fiżika jew emozzjonali jew diżordni ġenetika, imma pjuttost hija forma ta' mġieba mgħal-lma. Studju ta' dan is-suġġett wassal lil Dr. Jerry Bergman biex jistqarr:

"Mhuwiex magħruf eżatt x'tagħlim jipproduċi orjent-azzjoni sesswali gay, imma billi din l-imġieba hija mgħallma, possibbilment u bla nuqqas ta' xejn wieħed jista' jitgħallimha minn omosesswali oħra."

## IL-VEDUTA BIBLIKA

Kif diġa rajna qabel, fl-Iskrittura Sagra l-omosesswalità mhix imħarsa bħala suġġett mediku; pjuttost, din hija problema morali. L-isem Sodom jgħix fl-imfamja ta' l-istorja. Magħruf sewwa huwa r-rakkont Bibliku dwar il-ħażen ta' Sodom u Gomorra, illi t-terminu "Sodomit" kien, matul is-sekli, magħmul sinonimu ma' "l-omosesswali." Meta ż-żewġ messaġġiera ta' Alla ġew fid-dar ta' Lot f'Sodoma, ċerti nies baxxi (fil-ħażen) dawru d-dar u talbu lin-neputi ta' Abraham biex jibgħat barra lil *viżitaturi "biex aħna nagħrfuhom*" (Ġenesi 19:5). Naqraw hekk dwar dan:

> "*Qabel ma raqdu, in-nies tal-belt, in-nies ta' Sodom dawru d-dar miż-żgħar sax-xjuħ, in-nies kollha kemm huma. U bdew isejħu 'l Lot u jgħidulu: "Fejnhom **l-irġiel** li ġew* għandek il-lejla? Oħroġhomlna ħa nagħrfuhom" (Ġenesi 19:4, 5).

Il-kelma "nagħrfuhom" (Lhudi *yada*: Grieg, *ginosko*) hija wżata fil-Bibbja xi drabi bħala *ewfeniżmu*, jiġifieri, kliem imtaffi flok il-kliem iebes, f'dan il-każ, il-kelma 'nagħrfuhom' hija flok "ħa jkollna x'naqsmu magħhom sesswalment" (ara Ġenesi 4:1; Mattew 1:25). In-nies ta' Sodom biċ-ċar riedu biex jieħdu parti f'attività sesswali mal-mistednin tal-Mulej. Għalhekk Sodoma/ija. Dawn in-nies huma kkaratterizzati bħala **ħżiena** (Ġenesi 18:23) u d-dnub tagħhom jintqal li huwa "gravi ħafna" (Ġenesi 18:20).

Fit-Testment il-Ġdid, l-appostlu Pietru jafferma illi Alla dawwar l-ibliet ta' Sodom u Gomorra f'irmied u:

> "*Jekk ikkundanna l-bliet ta' Sodom u Gomorra biex ikunu maħruqa sa ma jsiru rmied u **bihom ħalla tagħlima għal dawk il-ħżiena li kellhom jiġu wara** u ħeles biss lil Lot,*

*raġel ġust, mifni kif kien* ***ħtija ta' l-imġieba bla rażan tal-ħżiena****—għax dan ir-raġel ġust, waqt li kien igħix magħhom b'dak li kien jara u jisma' minn jum għal l-ieħor, kien iħoss qalbu tingħafas quddiem* ***l-imġieba ħażina*** *tagħhom*" (2 Pietru 2:6-8).

Madankollu, Lot kien raġel sewwa, kien iħoss qalbu tingħafas quddiem **l-imġieba ħażina** tagħhom.

**Mistoqsija:** Aħna nħossu qalbna tingħafas minħabba **l-imġieba** ta' dawn in-nies jew minħabba fihom bħala persuni? Aħna ma nis-tgħux naċċettaw xi xorta ta' **imġieba** ħażina! Aktar wara, il-Liġi ta' Alla ddikjarat:

"*Raġel li jagħmel ma' ieħor bħal ma' mara, għamlu t-tnejn ħaġa moqżieża; jagħtuhom il-mewt, huma ħatjin ta' mewthom*" (Levitku 20:13; ara wkoll Ġuda 7).

L-omosesswalità, bħala ħażen morali tassalta lill-familja, u theżżeż is-sisien tas-soċjetà umana u din qatt ma kienet ittollerata minn Alla!

## IT-TAGĦLIM TA' ĠESÙ

Xi reliġjonisti (omosesswali u dawk li jissimpatizzaw magħ-hom) waqt li jammettu li ċerti siltiet tat-Testment il-Ġdid jidhru li jikkundannaw il-kondotta omosesswali, xejn inqas jiċħdu li Ġesù personalment iċċensura atti bħal dawn. Dan huwa għal kollox żbaljat. L-ewwel, Ġesù Kristu biċ-ċar għallem li d-dottrina ta' l-appostli kienet ġejja biss Minnu. Lill-kelliema ispirati Tiegħu qalilhom:

"*Min jisma' lilkom, ikun jisma' lili u min iwarrab lilkom ikun iwarrab lili*" (Luqa 10: 16).

L-appostlu Pawlu, li tkellem bil-miftuħ ħafna dwar is-sodomija, iddikjara li dawk il-ħwejjeġ li hu kiteb *kienu "kmandament tal-Mulej*" (1 Korintin 14:37). It-tieni, meta Ġesù tkellem dwar iż-żwieġ bħala dak li kien ordnat minn Alla, Hu qal li dan kien għal

**raġel** u **mara** (Mattew 19:4-6). It-tielet, il-konċessjoni tal-Mulej liż-żena hija l-bażi għad-divorzju mill-parti nnoċenti tikkundanna s-sodomija, billi din il-prattika ħażina mhijiex ħlief forma ta' żena. Dan il-punt ta' l-aħħar jeħtieġ li jkun elaborat ftit aktar. Sakemm ma hemmx inidkazzjonijiet kontestwali (jew immedjati jew rimo-ti) li jissuġġerixxu li termini Bibliċi kienu ngħataw tifsiriet speċja-li, il-kliem tat-test sagru għandu jkun mifhum kif dan kien applikat b'mod komuni mill-kittieba ta' dak iż-żmien. Il-kelma "żena" (Grieg *porneia*) kienet użata fl-antik f'sens ġeneriku "ta' kull xorta ta' att sesswali mhux skond il-liġi" (Arnd u Gingrich **Greek Lexi-con**, p. 699). Din tinkludi dnubiet bħal prostituzzjoni, inċest (żena bejn qraba), omosesswalità, bestjalità, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. (Dizzjunarju tat-Teoloġija tat-Testment il-Ġdid, C. Brown, ed., I, pp. 497-501). Ġuda espliċitament jiddikjara li Sodom l-antika kienet tabilħaqq fil-bżonn ta' l-indiema u li huma kienu meqruda ġustament fejn naqraw:

> "*U hekk ukoll ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żena u ntelqu wara l-pjaċiri kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem*" (Ġuda 6, 7; ara wkoll Mattew 11:23-24; Luqa 17:29).

**Aktar Xhieda tat-Testment il-Ġdid.**

Iċ-ċanfira ispirata ta' l-appostlu Pawlu dwar l-omosesswalità f'Rumani kapitlu wieħed hija tant ċara li dawk li huma njoranti għaliex iridu li jkunu njoranti ma jifhmuhiex. Fil-versi 26 u 27, is-sodomija hija kkaratterizzata bħala (a) ir-riżultat ta' **passjonijiet ta' għajb**; (b) perverżjoni minn dak li hu naturali għal dak li hu **kontra n-natura** (innota r-riferenza ta' Ġuda għal dawn "pjaċiri kontra n-natura" (vers 7); (ċ) **xewqat ħżiena** li kkawżaw lil l-irġiel "jixegħlu għal l-irġiel u nisa għal nisa"; (d) **ħtijiethom** (dak li mhux diċenti); u (e) **żball** li kien ħaqqu rikompens. F'dawn il-versi mill-Kelma ta' Alla, naqraw hekk:

> *"Għalhekk telaqhom Alla* ***għal passjonijiet ta' għajb****; għax* ***in-nisa*** *tagħhom* ***bidlu l-użu naturali*** *ma'* ***użu kontra n-natura****, hekk ukoll* ***l-irġiel*** *ħallew* ***l-użu naturali tal-mara*** *u xegħlu* ***bix-xewqa ta' xulxin****, u għamlu* ***għajb raġel ma' raġel*** *u ħadu fihom infushom il-ħlas li kien ħaqqhom għal ħtijiethom*" (Rumani 1:26, 27).

Ukoll, fl-ewwel Korintin 6:9 l-appostlu jiddikjara li "l-effeminati" (Grieg, '*malakos*'—speċjalment dwar il-katamiti, irġiel u subjien li jħallu lilhom infushom biex ikunu abbużati omosesswalment" Arnd u Gingrich, p. 489) u l-omosesswali "dawk li jabbużaw lilhom infushom ma' irġiel" ma jistgħux, (f'dik il-kondizzjoni) jirtu s-saltna ta' Alla. Din il-frażi ta' l-aħħar tittraduċi l-kelma Griega *arsenokoites* (minn **arsen**, raġel, u koite, **sodda**). Letteralment, din hija rġiel fis-sodda ma' rġiel! F'dawn il-versi Alla jgħid hekk, permezz ta' l-appostlu:

> *"Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri,* ***la effeminati, la omosesswali****, (dawk li jħobbu s-subjien) la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla. U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*" (1 Korintin 6:9-11).

Aħna għandna ngħinu lil dawn in-nies mhux billi naċċettawhom *kif inhuma*, kif ta' spiss nisimgħu, imma billi **nurhom** it-Triq tal-Mulej biex jibdlu ħajjithom. Dak li lilhom l-appostlu kien qiegħed ikellem, xi **wħud minnhom hekk kienu** imma aċċettaw lil Kristu bħala 'l Mulej tagħhom **u bidlu ħajjithom**.

Fl-Ewwel Timotju, kif diġa rajna qabel, l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, ipoġġi lil l-omosesswali fl-istess

klassi kontra l-liġi ma' qattiela tal-ġenituri, eċċ. F'dawn il-versi naqraw hekk:

> "*Issa aħna nafu li l-liġi hi tajba jekk wieħed jinqeda biha tajjeb; nafu li liġi ma hix magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla rażan, ħżiena u midinbin, bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ommijiethom, qattiela, żienja,* ***sodomiti*** *(għal dawk li jiżnu mas-subjien, Bibbja Saydon) negozjanti ta' l-ilsiera, giddieba, sperġuri; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ. Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta' Alla l-imbierek, afdat f'idejja*" (1 Timotju 1:8-11).

Xi wħud jippruvaw biex jgħawwġu l-Iskrittura billi jissuġġerixxu li l-appostlu Pawlu ma kienx qiegħed jikkundanna l-omosesswalità per se, pjuttost, l-abbuż biss ta' din il-prattika. Il-liberali, jsostnu, li hemm relazzjoni proprja omosesswali li tkun approvata. Kemm hija assurda ħaġa bħal din! Dik l-istess xorta ta' loġika timplika li hemm forma leġittma ta' sokor, ta' idolatrija, ta' qtil, ta' inċest, eċċ.—li perverżjoni biss ta' atti bħal dawn hija kkundannata!

**Il-Kwistjoni Ta' Drittijiet.**

Il-kontenzjoni hija ta' spiss magħmula f'dawn il-jiem li preferenza sesswali hija għal kollox ħaġa privata. Jgħidulna li dak li l-omosesswali jagħmlu huwa affari tagħhom. Dawk li jiffansjaw lilhom infushom bħala li huma intellettwali ta' moħħhom miftuħ jallegaw li "id-drittijiet" ta' kulħadd għandhom ikunu mħarsa. Hemm bosta ħwejjeġ f'dan ir-raġunar. L-ewwel, l-omosesswali qegħdin jippressaw għal aċċettar publiku tal-kondotta tagħhom. Huma jridu li jgħallmu fi skejjel publiċi, eċċ. Nistaqsi jien, għandhom il-ġenituri xi drittijiet? Bħala ġenitur jiena għandi d-dritt li nistenna li uliedi jirċievu l-edukazzjoni tagħhom mingħand nies morali b'mod raġunevoli. Nistaqsi jien, għandhom dawk li jiġġiel-du jew iwettqu l-inċest u l-bestjalità jkunu miċħuda "mid-

drittijiet" tagħhom biex igħallmu lit-tfal tagħna? Ħalli l-omosesswali u dawk li japprovahom iwieġbu din il-mistoqsija! It-tieni, kelliemi għal Koalizzjoni għal-Lesbjani u d-Drittijiet tal-Gay qal li l-għan aħħari tal-moviment għal-liberazzjoni ta' l-omosesswali huwa "ħelsien ta' espressjoni sesswali għaż-żgħażagħ u t-tfal." Il-kittieb igħid: "Aħna ma nirbħu xejn billi nillimitaw id-difiża tagħna ta' imħabba omosesswali għal sess li jkun ta' kunsens bejn adulti. Huwa assur-dità li takkuża rġiel gay (omosesswali) li jaqsmu s-sesswalità tagħ-hom ma' tfal bħala "molestaturi tat-tfal." (**Stockton** (CA) **Record**, 4/7/79.) Huwa dan li l-kostituzzjoni tagħna kienet imfassla biex tipprotieġi?

**X'għandna Nagħmlu Aħna?**

Ikun mixtieq wisq li kieku aħna nkunu nistgħu sempliċiment ngħallmu lil l-omosesswali biex jabbandunaw il-ħażen tagħhom, jobdu lil Kristu, u jaċċettaw il-maħfra Tiegħu (Atti 2:38). Dan hu preċiżament dak li xi wħud fl-ewwel seklu għamlu (1 Korintin 6:9-11). Iżda, ħafna minnhom jidhru li huma għal kollox ma jimpurtahomx dwar dak li Alla jgħid fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Dawn in-nies għandhom ikunu ttratti b'mod differenti. Prattikament, kull persuna għandha linja ta' konxjożità ta' moralità f'xi punt. Għaliex aħna ma nitolbux li huma jiddefenduha? Per eżempju, hija l-bestjalità immorali? Xi ngħidu dwar l-inċest? Jekk l-omosesswali jħaddnu din ix-xorta ta' attività, ħallihom joħorġu barra u publikament igħidu hekk. Jekk huma jħossu li kondotta bħal din hija mmorali, b'liema **kejl** huwa l-ġudizzju tagħhom magħmul? Imbagħad għandna nisfurzawhom biex loġikament u konsistentament jiddefendu l-veduti tagħhom. Imbagħad malajr isir ċar li meta wieħed jirriġetta lil Alla bħala l-uniku kejl tat-tajjeb u l-ħażin (kif ir-rieda Tiegħu hija rrivelata fil-kitba tat-Testment il-Ġdid), ma hemm assolutament ebda post ta' waqfien għal l-immoralità umana. Kollox imur fl-isem tal-logħba. Min hu lest li jaċċetta l-inevitabbiltà ta' din ix-xorta ta' ħsieb? Kważi ħadd, jiena nissogra biex ngħid. Ħalli aħna, mela, bil-ħlewwa, imma bil-qaw-wa, nippressaw dawn il-veritajiet fuq il-ħbieb tagħna. Aħna għand-na nieħdu l-inizzjattiva f'din il-ġlieda

għall-kondotta diċenti. Il-futur ta' ġenerazzjonijiet għad mhux imwielda jiddependi fuq kemm aħna nieħdu sehem b'mod intelliġenti, b'mod spiritwali, u qawwi f'din it-taqbida!

### IT-TIELET PARTI

# OMOSESSWALITÀ:

## *Is-Suġġett Reali—l-Għarfien Tagħna u t-Tweġiba Tagħna Għalih*

*"Dak kollu li jrid Alla," li huwa msemmi mill-appostlu Pawlu f'Atti 20:27, jinkludi varjetà ta' suġġetti li spiss huma maqbuża jew mogħtija 'l ġenb minn predikaturi, għalliema tal-Bibbja u wkoll minn edituri. Xi wħud minn dawn huma minjiera ta' diffi-kultajiet, madankollu, għandhom ikunu kkunsidrati, għaliex il-Bibbja Mqaddsa tikkunsidrahom. Suġġett wieħed minn dawn huwa l-omosesswalità, tendenza storbjuża u li tiddomanda fis-soċ-jetà tagħna u f'oħrajn. F'xewqa biex jgħinna nifhmu l-omosess-walità u kif inwieġbu għaliha, aħna nipprezentaw din l-informazz-joni bis-serjetà u bil-biża' u t-trehid.*




**"Nies Li Huma Gay Huma Mwielda F'Dak il-Mod;**

**Mhijiex Għażla li Huma Jagħmlu."**
American Adults Respond
Barna Research Group * Nov. 18, 1992

**NITKELLMU L-VERITÀ**
**fi klima ta' mibegħda**

Meta jkunu mistoqsija għaliex huma jaħsbu li mġieba omosesswali hija ħażina, ħafna reliġjużi jwieġbu sempliċiment: "Għaliex il-Bibbja tgħid li hekk hi!" Il-Bibbja Mqaddsa tabilħaqq tikkundanna l-atti omosesswali kull darba li dawn huma msemmija. Imma ħafna Kristjani mhumiex ippreparati għal l-argumenti tar-reviżjonisti talli huma jirriġettaw it-testi maġġuri Bibliċi kollha bħala jew irrelevanti jew mifhuma ħażin.

Huma jargumentaw li Levitku 18:22; 20:13 u Dewteronomju 23:18, li jikkundannaw l-imġieba maskili omosesswali, huma rrelevanti għaliex dawn ma jindirizzawx il-modi ta' ħajja omosess-wali tal-lum…. L-uniku mod ta' mġieba omosesswali li l-Lhud kienu jafu, huwa argumentat, kien prostituzzjoni omosesswali fit-tempji pagani. Dan huwa dak li qiegħed jiġi rriġettat hawn (igħidu huma) u mhux ir-relazzjoni ta' l-imħabba monogama gay ta' orjentazzjoni personali omosesswali tal-lum.

L-istorja ta' Ġenesi 19 ta' Sodoma u Gomorra, huwa allegat li hija rrelevanti għaliex din hija storja ta' attentat ta' stuprar ta' grupp….In-natura omosesswali ta' stuprar ta' grupp tidher bħala dettall irrelevanti ta' l-istorja.

Rumani kapitlu wieħed spiss huwa mniżżel bħala li hu kundanna biss ta' nies eterosesswali li jieħdu sehem f'atti omosesswali. Huma jirribellaw kontra Alla billi jieħdu sehem f'dak li mhuwiex naturali għalihom. Din is-silta m'għandha ebda relevanza llum, hu argumentat, għaliex omosesswali moderni qegħdin jagħmlu dak li huwa naturali għalihom u b'hekk mhux qed jirrvellaw kontra Alla.

Fl-1 Korintin 6:9 u 1 Timotju 1:10, il-kliem Grieg li hu spiss tradott bħala li jirriferi għall-prattika omosesswali jintqal li mhuwiex ċar u probabbilment jiddeskrivi u jipprojbixxi biss il-'paedes-trija (offiża sesswali mhux naturali bejn l-irġiel), il-

possessjoni sesswali ta' tifel adoloxxenti minn raġel akbar tal-klassi soċjali elitista.

Xi wħud minn din il-kritika għandhom element ta' leġittimità, imma l-biċċa l-kbira ta' l-iskulari Bibliċi jaqblu li kull waħda minnhom tmur 'il bogħod wisq…

Levitku, Rumani, 1 Korintin u 1 Timotju huma relevanti u jorbtu. Id-dinja l-antika kienet taf dwar ix-xewqa u l-prattika omosesswali, ukoll jekk il-konċett ta' orjentazzjoni psikoloġika ma kienx preżenti. Hekk hu li jimpressjona li kull meta l-prattika omosesswali tkun imsemmija fl-Iskrittura, din hija kkundannata. Hemm biss żewġ modi li wieħed jista' jinnewtralizza x-xhieda Biblika kontra l-imġieba omosesswali: b'interpretazzjoni ħażina kollha kemm hi jew billi twarrab jew titbiegħed minn veduta qawwija ta' Skrittura.

Importanti daqs kemm huma, dawn is-siltiet mhumiex il-ġebla tax-xewka tal-pożizzjoni Kristjana li l-azzjoni omosesswali hija immorali. Il-qalbha ta' l-istima negattiva ta' l-Iskrittura tal-prattika omosesswali hija l-ħarsa pożittiva Biblika tas-sesswalità—li tapplika ndaqs għall-persuni omosesswali u rġiel u nisa etero-sesswali, adulti u tfal. Il-qalbha tal-moralità sesswali Kristjana hija din: Alla għamel l-għaqda sesswali għal skop—l-għaqda flimkien tar-raġel u martu f'ġisem wieħed **fiż-żwieġ**. Alla juża l-att sess-wali, intimità sħiħa sesswali, biex igħaqqad tnejn minn nies flim-kien. L-appostlu ispirat jgħid hekk:

> "*Ma tafux li min jingħaqad mal-mara żienja jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed*" (1 Korintin 6:16).

Alla għandu skop kbir għas-sess għaliex Hu għandu skop kbir għaż-żwieġ—xi ħaġa akbar minn sempliċiment mezz għalina biex ikollna l-bżonnijiet sesswali tagħna milqugħa, biex nieħdu gost, biex ikollna t-tfal u li ma nkunux weħidna.

F'Efesin kapitlu ħamsa aħna nitgħallmu dwar x'inhu dak l-iskop akbar. Skond l-Iskrittura Mqaddsa, iż-żwieġ għandu jimmudella konkretament hawn fuq l-art dak li Alla jrid fir-relazzjoni bejn Kristu u l-għarusa Tiegħu, il-knisja. Ġesù hu ħaġa waħda

mal-Missier, u Hu jgħidilna li aħna nistgħu nkunu ħaġa waħda Miegħu. Aħna differenti għal kollox minn Alla, iżda Hu jrid li jingħaqad magħna. Naqraw fl-Ewwel Korintin 6:17, "*Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu.*" Din ir-realtà tista' tkun immudellata b'mod uniku fuq l-art permezz ta' l-għaqda ta' żewġ kwalitajiet differenti ta' bnedmin, raġel u mara. Iż-żwieġ huwa parabbola ħajja, simbolu konkret, li jimmudella għad-dinja l-għaqda mistika ta' Kristu u l-poplu Tiegħu. Skond id-disinn oriġinali ta' Alla, iż-żwieġ għandu tifsira kbira saħansitra kosmika.

Jekk iż-żwieġ jokkupa dan il-post fil-pjan ta' Alla għaż-żwieġ, aħna nistgħu naraw l-importanza vitali ta' ubbidjenza għar-regoli ta' Alla għas-sesswalità. Is-sess huwa rigal, imma huwa rigal li aħna nistgħu nabbużawh. Il-ħsieb ta' Alla huwa li s-sess ikun użat sewwa ġewwa u barra miż-żwieġ. Ġewwa ż-żwieġ, l-użu xieraq tiegħu huwa għall-pjaċir, prokreazzjoni u bħala xi ħaġa li għandha tinqasam bl-imħabba u bi gratitudni biex tibni l-għaqda tal-koppja. Barra miż-żwieġ ta' raġel u mara, l-użu xieraq tas-sess huwa li tonora lil Alla permezz ta' ubbidjenza bi prezz f'li tgħix ħajja safja. Permezz ta' din ir-rabta diffiċli, aħna nitgħallmu li nagħtu valur lil l-ubbidjenza fuq il-gratifikazzjoni u li nservu lil Alla minflok ma nservu l-ġibdiet u l-passjonijiet tagħna nfusna.

Fil-qosor, persuni b'inklinazzjoni omosesswali jinsabu taħt l-istess sejħa morali kif ninsabu aħna lkoll li jwieġbu għal l-offerta ta' ħniena u maħfra divina permezz tar-rigal ta' Gesù Kristu, li noffru ħajjitna bħala l-uniku rigal li aħna nistgħu nagħtu lura. Jekk aħna nħobbuh, nobdu l-kmandamenti Tiegħu (Ġwanni 14:15, 21, 24). U r-rieda Tiegħu rigward is-sesswalità tagħna hija jew li ngħixu ħajja kasta ta' dipendenza fuqu, jew li nirsistu biex nibnu żwieġ li jimmudella l-imħabba ta' Kristu għall-knisja quddiem id-dinja li qed tħares.

### X'TGĦALLEM IN-NATURA DWAR IR-RELAZZJONIJIET SESSWALI

Wieħed mill-passaġġi maġġuri fuq l-omosesswalità huwa Rumani 1:18-32. Minkejja l-akkużi mill-kamp 'gay' li l-appostlu Pawlu kien ippreġudikat, jew saħansitra omosesswali mimli bi

stmerrija għalih innifsu, dawn il-versi jieqfu bħala twissija ċara kontra mġieba sesswali li titbiegħed mill-użu naturali tal-ġisem uman. F'versi 26 u 27, l-appostlu jgħid li t-tnejn, irġiel u nisa fiż-żmien tiegħu abbandunaw ir-relazzjonijiet sesswali naturali u kienu mixgħula f'passjoni għal dawk ta' l-istess sess. L-appostlu jsejjaħ relazzjoni bħal din *mhux naturali u ta' għajb*. Imbagħad hu jafferma li dawk li jipprattikaw atti bħal dawn jirċievu fihom in-fushom penalità għall-perverżjoni tagħhom.

Ma tgħallimniex in-natura li r-raġel u l-mara kienu nfassla għal xulxin, sesswalment kif ukoll f'modi oħra? Ma tgħallimiex li kull wieħed mhuwiex komplut mingħajr l-ieħor? Ma qalx Alla, "*Mhux sewwa li r-raġel ikun waħdu*" (Ġenesi 2:18)?

Iż-żmien tagħna jidher li hu mxaqleb li jagħmel lil Alla u lil l-appostlu Pawlu **giddieba**! Tant kemm aħna ninsabu bbumbardjati b'informazzjoni grafika fuq il-ħajja 'gay' li nibdew biex nixtru fil-pożizzjoni omosesswali, għallinqas li nippermettulha limiti ta' tolleranza kif jidher ċar minn ċertu kliem u kitba ta' xi qassisin Kattoliċi fil-ġurnali u fuq ir-radjijiet tagħna, fejn dawn jgħidu lil l-omosesswali li Alla jaċċettak kif int! Kemm hu differenti kliem Kristu fejn jgħid,

> "*Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom*" (Luqa 13:3).

Illum l-irġiel u n-nisa mhux biss jesprimu l-perverżjonijiet sesswali tagħhom—huma jiftaħru dwarhom. B'niket jew b'sogħba kbira, numru kbir ta' nies ta' l-affari tagħhom fis-soċjetà tagħna wkoll waslu biex jaċċettaw l-omosesswalità bħala stil ta' ħajja li fih huma ma jaraw xejn ħażin. Veduta bħal din mhux biss hija kuntrarja għal l-Iskrittura Mqaddsa, imma ma toffri ebda għajnuna lill-persuna maqbuda fil-perverżjoni.

Il-konfużjoni tagħna dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin tidher f'riċerki nazzjonali. Skond riċerka mill-Barna Research Group, Nov. 18, 1992, "Meta tiġi għas-suġġett 'gay,' maġġoranza ta' l-adulti kollha Amerikani jħossu lir-relazzjonijiet sesswali tan-nies huma l-affari tagħhom infushom…"

## IS-SUĠĠETT OMOSESSWALI U L-KNISJA

Xi drabi fil-knisja diskussjonijiet dwar l-omosesswalità huma evitati, xi minndaqqiet minħabba l-iskomdu bis-suġġett, imma wkoll għaliex it-tagħlim tal-Bibbja jissetilja l-kwistjoni għalina. Rumani 1:26, 27; 1 Korintin 6:9, 10; u 1 Timotju 1:9, 10 jgħidulna ċar li l-omosesswalità hija dnub. Madankollu, issa li diversi qaw-wiet kulturali qegħdin jitolbu (saħansitra jiddomandaw) li aħna naċċettaw l-imġieba u r-relazzjonijiet omosesswali bħala li huma normali u tajba, aħna għandna nagħmlu aktar milli sempliċiment ngħidu, "l-omosesswalità hija dnub."

**Mistoqsija**: *Għaliex aħna, issa, qegħdin nisimgħu tant dwar l-omosesswalità?*

**A**. Fatturi li wasslu li 'joħorġu barra fil-beraħ' huma ħafna u diversi. Dawn huma forsi dawk prinċipali:

(a) L-istudji tan-nofs is-seklu ta' Kinsey dwar l-imġieba ses-swali tar-raġel u l-mara pprovdew ħafna informazzjoni, inkluż ir-rata għola milli mistennija ta' mġieba omosess-wali. Din l-informazzjoni kienet u hija wżata minn individwi u gruppi pro-omosesswali biex jargumentaw li jekk hemm tant nies li qegħdin jipprattikawha, din għan-dha tkun normali u tajba.

(b) L-informazzjoni "tar-rivoluzzjoni sesswali fis-sittinijiet li wasslet għall-ftuħ dwar is-sesswalità ma kinetx semp-liċiment kliem; kien hemm ukoll ħafna azzjoni—omo-sesswali kif ukoll eterosesswali.

(c) Matul dawn iż-żminijiet lin-nies jaraw it-televiżjoni saret l-attività numru wieħed tal-mogħdija taż-żmien. Billi l-aħbarijiet u l-medja tad-divertiment ibigħu dak li hu ġdid, differenti u interessanti, il-publiku ġenerali min-għajr ma kien jaf kien qiegħed jiġi kkalmat għal l-immoralità, għall-vjolenza u mġieba ħażina permezz ta' ħars mhux kritiku u ripetuttiv.

(d) Fis-soċjetà pluralista tagħna hemm motivi tant qawwija biex inaqsu konflitti fil-gruppi li issa nisimgħu dwar il-pożizzjoni 'korretta politikament' fuq varjetà ta' suġġ-

etti, inklużi dawk morali. Karatteristika ta' dan hija li veduti li ma jaqblux huma kkunsidrati li huma validi ndaqs.

(e) Billi raw is-suċċess tad-drittijiet ċivili tal-moviment tan-nisa fis-sebgħinijiet gruppi organizzati omosesswali alleaw lilhom infushom mal-moviment tan-nisa sabiex jiksbu mbottatura politika. Tieħu vantaġġ ta' erożjoni ta' valuri Kristjani u/jew valuri oħra tradizzjonali, il-qawwa politika gay (omosesswali) kibret tant illi fil-beraħ poli-tiċi gay qegħdin jiġu eletti jew appuntati f'pożizzjonijiet fil-gvern f'diversi pajjiżi, u f'xi skejjel qegħdin jipprov-du lit-tfal b'kotba u kelliema li jippreżentaw l-omosess-walità bħala stil alternattiv validu ta' ħajja. Saħansitra f'ċerti pajjiżi hemm ukoll knejjes tal-'gay' fejn igħallmu li l-'gay' huwa sewwa f'għajnejna Alla (1 Timotju 4:3, 4).

**Mistoqsija**: *Tista' l-orjentazzjoni ta' persuna tkun mibdula?*
Orjentazzjoni sesswali hija kondizzjoni kumplessa, tinkludi l-ħsieb, dak li tħoss u komponenti ta' imġieba. Tipikament, il-frażi hija wżata llum biex tfisser il-komponent tas-sentiment (xewqa), waqt lis-silta ta' 1 Korintin 6:11—"*U minn dawn kienu xi wħud minnkom*"—probabbilment tirriferi għal l-imġieba. Ħafna nies b'intenzjoni tajba jiddikjaraw li l-omosesswalità hija għażla u l-omosesswali jistgħu jinbidlu jekk huma tassew iridu. Iżda x-xewqa omosesswali mhijiex magħżula konxjożament, mhix mibdula faċilment u f'xi ndividwi jista' jkun li qatt ma tinbidel. Wieħed jista' jkun grat li mhuwiex dnub li tkun ittantat (Lhud 4:15); pjuttost huwa dnub li taġixxi għat-tentazzjonijiet tiegħek (Ġakbu 1:14, 15).

Ħsibijiet u mġieba jistgħu jkunu mibdula. Wieħed jista' jżomm lura milli jaġixxi fuq it-tqanqil tiegħu; wieħed jista' jieħu l-kontroll u jdawwar il-ħsibijiet tiegħu jew tagħha (Kolossin 3:2; Filippin 4:8). Il-kustjoni ssir, "Min se jkun il-Mulej ta' ħajti? Huwa jien jew persuna oħra? Jew Hu Alla?" Rumani 1:18-25 jiddeskrivi każ ta' idolatrija, li fih individwi "*taw il-ġieh u l-qima*

*tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq.*" Fl-effett, il-persuna ħatja ta' imġieba omosesswali qiegħdha tpoġġi x-xewqa tagħha għall-per-suna oħra qabel l-ubbidjenza lejn Alla; imma dan m'għandux isir.

Għalkemm rati baxxi ta' bidla mill-omosesswalità kienu rrapurtati fil-letteratura professjonali tal-ħamsinijiet, tas-sittinijiet, u tas-sebgħinijiet, il-każi li kienu suċċess urew illi li tegħleb ix-xewqat omosesswali huwa possibbli. Imma għaliex ir-rati baxxi ta' suċċess? Li ġejjin huma xi raġunijiet issuġġeriti:

- Raġuni waħda għandha x'taqsam ma' x'inhu mfisser meta ngħidu "bidla." Kienu t-terapisti qegħdin jippruvaw biex jibdlu s-sentimenti (dak li persuna tixtieq) jew l-imġieba? Jekk kien is-sentimenti (ix-xewqa), dan ikun jista' jispjega r-rati baxxi.
- It-tieni raġuni possibbli għar-rata baxxa ta' terapija b'suċċess tista' tkun illi terapija mhux adattata hija wżata. Fil-qasam tal-mediċina fiżika jekk wieħed jipprova jittratta infezzjoni kkawżata minn virus b'antibijotiku, dan ma jgħinx; antibijotiku mhuwiex adattat. Fil-prattika klinika fix-xjenzi ta' l-imġieba, ma kienx ikun xi ħaġa mhux normali għal terapista li juża mudell bażiku ta' trattament għall-varjetà ta' kondizzjonijiet ippreżentati. Forsi l-istrate-ġija terapewtika wżata ma kinetx dik li ndividwu partikulari kien jeħtieġ biex teffettwa bidla.
- L-aktar fattur sinjifikanti fir-rati baxxi rrappurtati ta' bidla huwa li l-potenzjal li tfejjaq permezz tal-fidi ta' dak li jkun f'Alla u t-tagħmir ta' l-Ispirtu s-Santu (Rumani 5:5; 1 Kor-intin 3:16) kien il-biċċa 'l kbira njorat minn terapisti seku-lari. Waqt li wieħed jifhem dan, is-sitwazzjoni tipprovdi argument biex wieħed ifittex kunsillier/terapista li għandu orjentazzjoni Kristjana jekk huwa possibbli.

**Mistoqsija**: *X'għandha tkun it-tweġiba tal-knisja?*

**A**. L-istess bħal kif lejn kull dnub ieħor: "Għobgħod lid-dnub imma ħobb lill-midneb." Ġesù immudella dan l-atteġjament f'relazzjoni għall-mara maqbuda fl-att ta' l-adulterju (Ġwanni

8:3-11). Aħna għandna ngħallmu lil l-omosesswali militanti li jitolbu li kulħadd jaċċetta l-modi tiegħu jew tagħha li Alla jiddeċiedi x'inhu dnub—mhux il-bnedmin—u lid-dnub jifred jew jissepara lill-persuna minn Alla (Rumani 6:12-23). Imma Alla jipprovdi wkoll għas-salvazzjoni ta' kulħadd permezz tad-demm ta' Ġesù (Rumani 5:9; Efesin 1:7). Għall-persuna li temmen li mġieba omosesswali hija dnub imma tibqa' taqa' lura fih b'dispjaċir sinċier, il-knisja teħtieġ li tagħmel wegħda fit-tul li tipprovdi sħubija aċċettata u ta' imħabba li tista' sservi bħala komunità għall-fejqan. L-omosess-wali jipprova biex jirrealizza sens adegwat jew inferjuri tal-masku-linità tiegħu jew tal-femminità tagħha permezz ta' intimità sesswa-li. Medjazzjoni mill-ġdid bħal din tista' ssir permezz ta' relazz-jonijiet ta' fejqan ma' Kristjani oħrajn.

Fil-knisja, aħna neħtieġu li nħallu persuna tistqarr dnubietha mingħajr biża' li jekk tagħmel dan se tkun imwarrba. Ħafna għan-dhom ix-xeħta ta' avversjoni lejn individwu bl-omosesswalità. Iżda, bl-għajnuna ta' Kristjani oħra u bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, bidliet jistgħu jkunu miġjuba f'persuna f'modi li resqan strett sekulari ma jistax jagħmlu dan.

Fil-qosor, li jiena nara bħala l-aktar ħwejjeġ kritiċi li l-aġent għall-bidla jeħtieġ dwar il-persuna li qed titqabad kontra orjentazz-joni omosesswali huwa:

- Għallanqas sħubija mhux sesswali ta' wieħed speċjalment fil-qrib, ta' l-istess sess.
- Familja, kunsilliera, Kristjani oħra u oħrajn li jgħinu lil l-individwu biex ikollu konċett tiegħu nnifsu b'saħħtu li jgħaraf l-eterosesswalità tiegħu jew tagħha mogħtija minn Alla—li jista' jkun biss potenzjal għall-bidu, u
- Relazzjoni ma' Alla li tagħmel aċċess għall-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu (2 Korintin 3:18; Efesin 3:16, 20). Kif nik-konsidraw dawn il-ħtiġijiet bażiċi, jidher għalija li l-knisja kif Alla intenzjonaha tkun il-post ideali għall-fejqan ta' l-orjentazzjoni omosesswali.

## IR-RABA' PARTI
# IL-ĠENE NIEQES 'GAY'

Ix-xjenzat magħruf, Dr Dean Hamer spara fl-għarfien, mill-oskurità, fl-1993 meta hu għamel it-talba li kien skopra l-ġene 'gay.' It-talba tiegħu kienet illi ġene għal l-omosesswalità kienu mgħoddija mill-omm għal l-iben b'mod naturali. Għalhekk l-omosesswalità kienet xi ħaġa li ma tistax tkun evitata għaliex din kienet ġentikament imnissla u minħabba dan l-omosesswali m'għandhom ikunu iddiskriminati fl-ebda mod, la mill-knisja, la mill-istat jew minn individwi.

**Il-Ħruġ Ta' Dubji Morali**

Il-grupp vokali ta' premura raw dan bħala manna mis-sema. Huma wżaw din l-informazzjoni biex jisfurzaw li tgħaddi l-leġislazzjoni 'pro-gay' u li jħallu omosesswali jkunu aċċettati fil-forzi armati. Grupp qawwi lix-xogħol tiegħu huwa li jipprova jikkonvinċi lil l-awtoritajiet, imsejjaħ 'The Federation of Parents and Friends of Lesbians and Gays,' xandar bid-daqq tat-trombi din ir-riċerka, jistqarru li l-omosesswalità ma kinetx tinvolvi ebda għażla ta' xejn. Huma qalu li 'Jekk inti temmen f'Alla jew fin-natura, huwa minn hemm fejn żviluppat l-omosesswalità.'

Xi 'gays' ma kinux kuntenti bl-iskoperta għaliex ħassew li testijiet tat-tqala fuq trabi mhux imwieleda jistgħu jirrizultaw f'dawk bil-ġene 'gay' fejn ikunu mneħħija b'abort. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' l-omosesswali qabdu ma' dan bħala ċans biex iwarrbu fil-ġenb id-dubji morali kollha dwar l-imġieba u l-mod tal-ħajja tagħhom, jargumentaw sempliċiment illi "dan kollu qiegħed fil-ġene tiegħi. Ma nista' nagħmel xejn dwaru." Dan l-appell għall-ġenetika kellu daqqa ta' effett fiċ-ċriki reliġjużi fejn id-denunzja soda ta' l-omosesswalità kemm mit-Testment il-Qadim kif ukoll mit-Testment il-Ġdid saret tidher minn xi wħud bħala possibbilment mhux iggwidata tajjeb. Kristjani li jemmnu fil-Bib-

bja dejjem irriġettawh dan u żammew sod ma’ Rumani 1:18-23 bħala stqarrija infallibbli ta’ kif Alla jara ħwejjeġ bħal dawn u mhux l-appostlu Pawlu jpoġġi l-preġudizzji tiegħu nnifsu għal dak, li kien għalih, prattika mhux xierqa.

## Il-Ġene ‘Gay’ Għadu Mhux Skuża

Ukoll li kieku kien tassew li hemm ġene ‘gay,’ dan xorta ma jagħmilx il-prattika aċċettabbli. Imġieba eterosesswali hija ġeneralment ikkontrollata iżda wieħed mill-fatturi li jiddistingwu bejn il-bniedem u l-annimal huwa l-kapaċità tagħna li nikkontrollaw istinti li nkunu writna permezz tar-raġuni. Alla ma jiskużax aktar lil l-eterosesswali li jintelaq bla rażan għal l-liċenzja eterosesswali. Alla ta l-kondizzjonijiet Tiegħu għal l-attivitajiet eterosesswali u dawn għandhom ikunu espressi **biss** fil-kuntest ta’ l-istat taż-żwieġ. Sa mill-Waqa’ aberrazzjonijiet ġraw f’xi infomazzjoni ġen-etika—kankri huma naturali u jista’ jkollhom għeruq ġenetiċi—għalhekk, ukoll jekk hemm ġene ‘gay,’ dan ma jinnulifikax il-kmandi ta’ Alla fuq is-suġġett. Dan jagħmilha diffiċli ħafna fuq dak li jkun f’din is-sitwazzjoni imma mbagħad ħafna eterosesswali virili (dawk li għandhom is-setgħa tat-tnissil) għexu ħajja safja, fiċ-ċelibat minħabba li huma qatt ma kienu mbierka li jsibu sieħeb jew sieħba jew minħabba lis-sitwazzjoni tagħhom kienet titlob li huma jibqgħu mhux miżżewġa. L-omosesswali fiċ-ċelibat jista’ jsib is-saħħa biex iżomm lilu nnifsu safi l-istess kif jista’ jagħmel l-eterosesswali!

## Xjenza Diffettuża

L-istorja, iżda, ma tispiċċax hawn. Dak li ftit kienu jafu jew irrealizaw kien li Dr Dean Hamer huwa omosesswali, omosesswali attiv ħafna u fil-beraħ, u l-interess tiegħu fil-ġene ‘gay’ kien ’il bogħod minn oġġettivament passiv. Huwa ried li jiġġustifika l-imġieba tiegħu u ma jagħmel ebda sigriet dwar l-aġenda espliċita soċjo-politika tiegħu. Hu ma kienx qiegħed imexxi riċerka f’vojt xjentifiku, sejjer bla biża’ fejn ebda bniedem qatt kien qabel u jippublika s-sejbiet irrispettivament dwar kif dawn ikunu milqugħha mill-istabbiliment. Hu kien qiegħed iħares għall-ġene u ma kienx wisq partikulari dwar kif sabu. Għalhekk

hu ta l-aħbar qabel mar-riċerki tiegħu kienu ġew suġġetti għal skrutinju ta' oħrajn fl-għalqa xjentifika. Dawn kienu maqbuda ma' dan minn dawk li l-aġenda tagħhom kienet taqbel ma' tiegħu u kien magħmul kapital minn teorija xjentifika *mhix ippruvata*. Meta d-dinja tkun trid xi ħaġa li tkun, hija taċċetta xjenza imfallza b'għajnejn magħluqa. L-aċċettar tat-teorija ta' l-Evoluzzjoni ta prova li dan huwa minnu! Din xorta tibqa' teorija kompletament aċċettat b'assolutament ebda prova xjentifika ta' xi xorta biex tappoġġjaha. It-teorija tal-ġene 'gay' taqa' f'din il-kategorija.

## Frodi

Issa jidher li xjenzati oħra ma kinux jistgħu jirreplikaw jew jidduplikaw is-sejbiet tiegħu u qegħdin jiddubitaw il-metodoloġija tiegħu. Il-verità hija li ma hemm ebda ġene 'gay' daqs kemm ma hemm ebda ġene li jagħmel nies xħaħ jew li jħobbu. Kif xjenzat prominenti qal, "Imġieba ma tinteritx, din tkun mgħallma." Dr Hamer apparentament huwa frodi, l-istess kif kien frodi Darwin. Hu ħalla l-aġenda tiegħu tiddetta dak li hu 'sab.' Kieku nies biżżejjed riedu jemmnuh, hu kien ikompli imma din it-teorija **qed** tkun eżaminata sewwa fil-miżien xjentifiku u nstabet li mhix adegwata. Sfortunatament, kif dejjem jidher li jkun il-każ, dan il-fatt mhux qiegħed jingħata l-importanza fuq ix-xandir, eċċ., li kellha t-teorija meta din dehret għal l-ewwel darba, għalhekk ftit huma dawk li jafu dwar dan.

## Għajnuna Għal Dawk li Qegħdin Jitqabdu

Għal dawk taż-żewġ sessi li jixtiequ li jkunu Kristjani u li qegħdin jitqabdu b'orjentazzjoni ta' l-istess sess, dan jista' jiġi bħala diżappuntament għaliex il-ġene 'gay' kien jidher li poġġha l-kawża tal-problema 'l fuq mill-kontroll tagħhom. Allura huma ma kellhomx għalfejn jissieltu f'li jġorru t-tagħbija ta' ħtija imma sempliċiment kellhom jittrattaw mal-problema li jikkontrollawha. Minn naħa l-oħra, jirrealizaw li mġieba omosesswali hija, wara kollox, imġieba u għalhekk mgħallma, jagħtihom it-tama li din

tista' ma tkunx mgħallma u huma jistgħu jduru lura għal normalità mogħtija x-xorta tajba ta' għajnuna.

## IL-ĦAMES PARTI
# OMOSESSWALITÀ
## *L-Aħħar Kriżi Korretta*

L-istat ikrah ta' l-omosesswali jidher li qiegħed jieħu ammont diżordinat ta' spazju fil-gazzetti tagħna f'dawn il-jiem u jokkupa sehem diżapproporzjonat fuq it-televiżjoni u fuq ir-radju. Viżita-turi minn pjaneta oħra jistgħu jikkonkludu lid-dmugħ u t-tiġrib ta' irġiel li jipproduċu rġiel huma tabilħaqq problema kbira hawn, li din taffettwa numru kbir ta' nies f''din id-dinja. U huma jkunu qegħdin jgħidu sewwa! In-nies li din l-aktar li taffettwa, iżda, mhumiex il-wieħed mill-ħamsa fil-mija tal-popolazzjoni li jridu jipprattikaw sess bejn l-istess ġeneru, imma lil 95 għal 99 fil-mija li ma jridux.

Il-problema fid-dinja mhix l-omosesswalità, imma l-fatt li kull darba li xi gvern f'xi pajjiż jagħmel kompromess ta' xi valur morali ieħor minn tiegħu, is-soċjetà tiegħu tkompli tiddgħajjef. Il-ħaġa nfisha li tgħamel lil nazzjon b'saħħtu—ukoll bin-nuqqassijiet kollha tiegħu—hija l-idea li l-mexxejja tiegħu u ċ-ċittadini jridu jwieġbu lil awtorità għola. Il-legat ta' dik l-awtorità huwa kodiċi ta' imġieba morali, li tidher fil-liġijiet tagħna. Mingħajr dik l-akkontabbilità, id-demokrazija ssir kaos.

Bħaż-żrinġ fil-kitla li ftit ftit l-ilma jsir jaħraq wisq li jgħalli liż-żrinġ għall-mewt għaliex it-temperatura ta' l-ilma bdiet tiżdied gradwalment, aħna nżommu lura u naraw l-insiġ morali tas-soċjetà tagħna jimmoffa u jitħassar, ħajta b'ħajta, kull darba li xi grupp b'xi interess speċjali jmur jokrob mal-medja u mal-leġislaturi għall-attenzjoni u għal trattament speċjali. Dan qegħdin narawh illum li qiegħed isir mill-omosesswali u minn dawk li jappoġġ-jawhom, imma l-istrateġija tinqara bħal silta mill-ktieb regolari tal-logħob.

L-ewwel "kriżi" hija maħluqa u b'dover iddokumentata minn ġurnalisti ubbidjenti. La darba l-kriżi tkun maħluqa, it-tieni pass

ikun li tiġġenera ħtija fl-imħuħ tan-nies. Analoġijji mfassla bil-għaqal—iqabblu l-grupp ġdid oppressat ma' skjavi f'ċerti pajjiżi, mal-Lhud fiż-żmien ta' Ħitler, u ma' l-Injdani Amerikani—jiġbdu s-simpatija wkoll mill-aktar qalb iebsa.

Meta l-qlub tagħna jkunu mtlew biżżejjed bil-ħtija, id-dmugħ tagħna jixxotta bi tqanqil belhani tal-qalb u nħossuna ddispjaċuti għat-trattament ħażin lejn l-omosesswali, u l-imħuħ tagħna nfarrka bir-retorika tal-medja, inqumu filgħodu biex nirrealizzaw li tabil-ħaqq ninsabu f'nofs l-akbar kriżi soċjali sa minn meta ntbagħtu l-kastigi fuq l-Eġittu—u issa wasal iż-żmien li xi ħadd jagħmel xi ħaġa dwar dan.

Ix-xi ħaġa normalment tieħu forma ta' aktar liġijiet ġodda—sewwasew dak li neħtieġu—u aħna ngħumu fl-ilma bħaż-żrinġ, hekk kif il-leġislaturi tagħna jżidu t-temperatura u jgħadduhom. Fil-wiċċ il-liġijiet ġodda jidhru li huma tajba, kważi poetiċi. Dawn jagħmlu lis-soċjetà sensittiva għall-bżonnijiet u s-sentiment ta' dawk oppressati. Iżda taħt l-ingwanta hemm difer tal-ħadid li jof-toq u joħroġ l-imsaren ta' pajjiżna billi jiddevora l-valuri nfushom li kienu għamluh b'saħħtu.

Taħt din l-istrateġija jinsab il-konċett insidjuż illi l-lealtà hija moralità. Jekk mhuwiex kontra l-liġi, allura għandu jkun tajjeb. Il-konċett kollu jobżoq fil-għajn ta' l-idea ta' awtorità għola. Dan jissopponi minn qabel li l-bniedem huwa kapaċi jagħmel ir-regoli kollha huwa nnifsu hekk kif jimxi l-mixja tiegħu matul iż-żmien, u għalhekk, għandu l-liċenzja biex jibdilhom kull meta dawn isiru nkonvenjenti.

Din hija l-istess filosofija umanistà li tat lil Ġermanja liċenzja morali biex toqtol miljuni ta' Lhud, "b'diffetti mentali," u iva, omosesswali wkoll.

B'ebda awtorità għola, b'ebda kodiċi morali li jorbtu ma je-żistu, mela jekk ngħidu li huwa legali allura dan isir morali.

Hija l-istess filosofija umanistà li ma ddumx ma twassal għal sess legalizzat u għalhekk morali bejn adulti u tfal żgħar. Tin-stama' bħala rettorika allarmanti? La teħodix bi kbira. Is-soċjetà msejħa "The North American Man Boy Love Association" issa

kisbet għarfien u approvazzjoni bit-tattika tagħhom fil-medja nazz-jonali—u saħansitra fil-Ġnus Magħquda.

Fil-każ li int m'intix familjari man-NAMBLA, dan huwa grupp organizzat ħafna ta' madwar 1,000 *paedophiles* (dawk li għandhom attrazzjoni sesswali lejn it-tfal) li fil-beraħ iridu li jeliminaw l-età ta' kunsens sesswali. Valuri tradizzjonali, tgħid in-NAMBLA, iħallu lill-ġenituri jiksru d-drittijiet ta' wliedhom billi jżommuhom milli jkollhom sess mal-*paedophiles*. Billi t-tfal jeħ-tieġu l-imħabba, huma jargumentaw, għandu jkollhom il-ħelsien u l-libertà li jieħdu sehem b'mod volontarju f'attività omosesswali ma' rġiel adulti.

Il-President tan-NAMBLA, Bill Arnett, riċentament deher fil-Larry King Show fuq is-CNN. F'dik id-dehra, Arnett qal li l-orga-nizzazzjoni tiegħu hija membru attiv ta' l-International Lesbian and Gay Association, li riċentament kienet mogħtija kredenzjali uffiċjali mill-Ġnus Magħquda, u l-opportunità li tipparteċipa f'xi wħud minn dawk l-attivitajiet distinti tal-ġisem. Huwa fakkar lil Larry King li l-International Alliance kienet iffirmat patt man-NAMBLA, taqbel li "tittratta l-minoritajiet sesswali kollha bir-rispett, inkluż lil *padeophiles.*

Fil-wiċċ, in-NAMBLA ma tidhirx li qed tgħin il-kawża omo-sesswali u ħafna gays u lesbjani jixtiequ li jitilqgħu. F'varjazzjoni perversa, in-NAMBLA qed tilgħab rwol klassiku fl-istrateġija liberali.

Meta mqabbla mal-prospett ta' sess legalizzat tat-tfal, talbiet oħra ta' l-omoseswali jinstemgħu għal kollox konservattivi—u wisq aktar tajbin għal dawk in-nies li wieħed ma jġerrgħahomx li għadhom jieħdu l-morali tagħhom fil-post tal-votazzjoni.

Meta taħseb dwar irġiel kbar maħmuġa b'mod ta' disprezz u legalment jisseduċu tfal żgħar fuq il-protesti jwerżqu tal-ġenituri tagħhom bla saħħa, żwieġ omosesswali mbierek legalizzat ikun jidher ftit inqas stramb!

Le grazzi, bejnietna ż-żringijiet, jiena naħseb li l-ilma diġa huwa sħun biżżejjed! Huwa l-waqt li jew titfi t-temperatura jew toħroġ mill-kitla.

Iżda hemm xaqq ta' dawl ukoll. Il-medja tixtieq li aħna nemmnu li orjentazzjoni sesswali hija purament kwistjoni tal-bijo-loġija u li kif il-ġene tagħna jiġu flimkien hija biss varjabbli li tid-determina jekk aħna aħniex gay jew le. Grupp imsejjaħ 'Exodus International' ikompli juri l-falizità ta' dak 'ix-xogħol ta' bejgħ' li qed ikun imbuttat fuq l-umanità. Dan il-grupp huwa magħmul minn nies li kienu omosesswali u għandhom 70 grupp fi 33 stat fl-Amerika u f'bosta pajjiżi differenti oħra. Qrib l-elf persuna atten-dew konferenzi fis-snin li għaddew f'San Diego u f'Toronto. Dawn il-konferenzi jkollhom l-aspetti kollha tat-tħassib li nies li ħallew l-omosesswalità jkollhom. Ħadd ma huwa pprogrammat għall-mod ta' ħajja li hu ma jkollu ebda għażla għaliha. Aħna aġenti morali liberi.

### IS-SITT PARTI

# L-OMOSESSWALITÀ U L-BIJOLOĠIJA: NISTGĦU AĦNA NITFGĦU L-ĦTIJA FUQ IT-TNISSIL TAGĦNA?

Riċerka ġdida li tissuġġerixxi ħolqa possibbli bejn l-imġieba omosesswali ġibdet l-attenzjoni tal-medja popolari fiż-żmien tagħ-na. Studju wieħed minn Simon Le Vay (1991) jirrivela anorma-litajiet possibbli fil-ħipotalamus ta' l-omosesswali. (il-ħipotalamus għandu rwol vitali f'ħafna proċessi fil-ġisem). Studju ieħor minn J. Michael Bailey u Richard C. Pillard (1991) jipprova biex juri li l-omosesswalità hija ereditarja. Xi rapporti implikaw li konkluż-jonijiet wiesa jistgħu jinħarġu mir-riċerka illimitata f'dan il-qasam. Ħafna nies li semgħu dawn ir-rapporti jikkunsidraw is-suġġett bħala li kien ippruvat 'il fuq minn kull kwistjoni. B'żieda għal dawn is-sejbiet ġodda, hemm il-kwistjoni li ilha għal żmien twil ta' jekk l-hekk imsejħa *ermafrodita* (nies li għandhom iż-żewġ sessi jew karatteristiċi kemm ta' raġel kif ukoll ta' mara) jiġbdu lejn l-omosesswalità.

Dan is-suġġett huwa diffiċli għall-Kristjan biex jinjorah. Jekk hu l-każ li fatturi bijoloġiċi direttament jikkawżaw imġieba omo-sesswali, imbagħad tagħlim Skritturali li mġieba bħal din mhix naturali u suġġetta għar-rieda umana (Rumani 1:21-23) ma jistax li jkun tassew. Ippruvaw fatti xjentifiċi dwar din il-materja li l-Iskrit-tura Mqaddsa mhix eżatta dwar dan il-punt?

### ANORMALITAJIET TAL-ĦIPOTALAMUS

Simon LeVay (1991), xjenzat fuq in-nervi assoċjat mas-Salk Institute f'San Diego, eżamina l-imħuħ ta' dsatax-il raġel omosess-wali (kollha mietu bil-marda ta' l-AIDS), sittax-il raġel maħsuba li kienu eterosesswali (sitta mietu bl-AIDS), u sitt nisa maħsuba eterosesswali (waħda mietet bl-AIDS). Huwa sab li kollezzjoni ta' newroni (ċelluli tan-nervituri u l-proċessi kollha

tagħhom) fil-ħipotalamus ta’ quddiem ta’ raġel omosesswali kienet iċken mir-reġjun li jikkorrespondi ta’ rġiel eterosesswali.

Xi wħud ħadu din il-korrelazzjoni osservata (flimkien ma’ riċerki oħra li juru aktar mill-qrib relazzjoni bejn il-ġibdiet tal-ħip-otalamus u sesswalità) biex bil-qawwa jimplikaw li l-anormalità tikkawża l-imġieba omosesswali. Iżda, ukoll l-awtur “juri li s-sejba tiegħu ma fiha l-ebda xhieda diretta li d-differenza li huwa osserva attwalment ikkawżat l-omosesswalità. Hu u oħrajn fl-għalqa jgħar-fu li l-karta teħtieġ replikazzjoni, billi studji bħal dawn huma dif-fiċli u ftit u xejn suġġettivi” (Baringa, 1991, 253:956).

Aktar minn hekk, il-fehma tar-riċerka ta’ LeVay għandha limi-tazzjonijiet serji, speċjalment dwar it-teknika tiegħu tal-kamp-juni. Hu eżamina biss numru żgħir ta’ mħuħ miksuba minn irġiel omosesswali f’inħawi ġeografiċi llimitati. LeVay kien jaf ftit wisq dwar l-istorja sesswali ta’ l-irġiel, ħlief għal l-inform-azzjoni li kien hemm imniżżla fil-kitba medika dwarhom, u l-fatt li huma lkoll mietu b’kumplikazzjonijiet ta’ l-AIDS. Dawn ma jistgħux li jkunu kkunsidrati b’mod raġunevoli bħala kamp-jun rappreżentattiv ta’ l-omosesswali, u r-riżultati ta’ dak l-istu-dju ma jistgħux ikunu iġġeneralizzati għal dik il-popolazzjoni.

Spjegazzjonijiet alternattiv jistgħu jkunu minħabba dawn is-sejbiet. L-ewwel, huwa possibbli li l-virus ta’ l-AIDS ikkawża l-bidla fil-ħipotalamus. Aktar studji huma meħtieġa biex juru li dawk li jsofru bl-AIDS u mhumiex omosesswali m’għandhomx bidliet simili fil-ħipotalamus tagħhom. It-tieni, huwa possibbli li mġieba omosesswali kkawżat dawn il-bidliet. Il-ħipotalamus huwa struttura quddiem il-moħħ li tidher li tkun involuta f’ġib-diet ta’ motivazzjoni, ta’ emozzjoni, ta’ għatx, ta’ ġuħ, u ta’ sess. Hemm xhieda li ħafna fatturi jinfluwenzaw il-ħipotalamus biex jikkomunika ma’ glandoli ħalli jerħu ormoni li, imbagħad, jinfluwenzaw funzjonijiet u ġibdiet tal-ġisem. Demm b’livell ta’ zokkor baxx, per eżempju, jista’ jikkawża porzjon tal-ħipo-talamus li jipproduċi wġigħ minħabba l-ġuħ u jinkoraġġina biex nieklu. Meta l-istonku jkun mimli u l-livelli taz-zokkor

fid-demm ikunu għola, porzjon ieħor tal-ħipotalamus ikun stimulat biex jikkawżana li nieqfu milli nkomplu nieklu. Il-ħsibijiet u l-esperjenzi tagħna wkoll jidhru li jinfluwenzaw dan il-proċess. Int li qed taqra dan l-istudju stajt esperjenzajt uġigħ tal-ġuħ hekk kif inti xammejt ħobż frisk għadu ħiereġ mill-forn, jew hekk kif rajt xi platt imħawwar waqt xi reklam fit-televiżjoni. Il-ġibda sesswali fil-bniedem tidħol għal daqs saħansitra **akbar** bil-ħsibijiet u esperjenzi tagħna. Mhux bħal l-annimali, li l-attività sesswali tagħhom issir kważi għal kollox permezz ta' l-ormoni (ġeneralment mitluqa meta l-mara tkun "sħuna"), il-bniedem jista' jsir sesswalment imqanqal f'kull ħin. Ħsibijiet erotiċi, dehriet, u rwejjaħ iqanqlu eċitament sesswali. Esperjenza, ħsibijiet, u twemmin "dwar x'inhu morali, xieraq u ta' pjaċir igħinu biex jiddeterminaw l-imġieba sesswali tagħna" (Morris, 1991, p. 352). Kif il-ħsibijiet ripetuti tagħna u esperjenzi jinfluwenzaw tibdil fil-ħipotalamus għad mhuwiex ċar. Imma huwa żgur raġunevoli li tikkunsidra l-possibbiltà li ħsibijiet u esperjenzi omosesswali jistgħu jikkawżaw it-tibdiliet imfissra fl-istudju ta' LeVay.

## STUDJU TA' TEWMIN: NATURA VERSU NUTRIMENT

J. Michael Bailey u Richard C. Pilard (1991) mexxew stħarriġ ta' 171 raġel omosesswali u ta' ħuthom tewmin jew adduttati. Mill-170 qraba li l-orjentazzjoni sesswali kienet tista' tkun meqjusa, 52 fil-mija mit-tewmin identiċi, 22 fil-mija mit-tewmin mhux identiċi, 9.2 fil-mija aħwa bijoloġiċi mhux tewmin, u 11 fil-mija ta' aħwa adduttivi kienu wkoll omosessawali. Barra mir-riżultat għal l-aħwa bijoloġiċi mhux tewmin, dawn is-sejbiet jidhru li jis-suġġerixxu komponent ġenetiku fl-imġieba omosesswali.

Jekk kif stħarriġ riċenti jissuġġerixxi, l-inċidenza ta' l-omosesswalità fil-popolazzjoni ġenerali hija madwar 4 fil-mija, allura l-awturi jistmaw li dak li jista' jintiret jakkonta għallanqas 50 fil-mija ta' l-imġieba omosesswali. Tabilħaqq, l-ipotesi tax-xogħol ta' l-awturi hija li ġene għal l-omosesswalità jaffettwa l-parti tal-moħħ studjata minn LeVay. Bailey jissuspetta li l-komponent li

jibqa' ta' l-omosesswalità jista' jkun ġenetiku, għalkemm studjużi oħra mhumiex lesti li jwarrbu fatturi ambjentali f'dan il-punt (Holden, 1992). Ħafna psikjatri jemmnu, jieħdu l-ħsieb tagħhom minn Freud, li l-mudell għal l-omosesswalità jibda kmieni fit-tfulija. Suġġeriment komuni huwa li l-omosesswali kellhom omm dominanti u missier indifferenti jew ostili.

Waqt li fatturi diversi jistgħu jkollhom **influwenza** fuq preferenza sesswali, ebda waħda minnhom ma tidher li hija **kawżattiva**. Dan jispjega għaliex 48 fil-mija tat-twemin identiċi **ma kinux** omosesswali. Trobbija komuni u dan il-ġene ipotetiku għal l-omo-sesswalità jista' **jħejji minn qabel** persuna għal l-omosesswalità, imma fatturi bħal dawn ma **jippredestinawx** persuna għal l-omosesswalità.

Dan l-aħħar punt huwa importanti ħafna għal dawk li jieħdu dawn is-sejbiet riċenti għalihom infushom. L-omosesswali jistgħu jargumentaw li jekk il-preferenza sesswali tagħhom hija ġenetikament ikkontrollata, imbagħad l-imġieba tagħhom għandha tkun ikkonsidrata bħala differenza normali tal-popolazzjoni umana. Li tiddiskrimina kontrihom ikun ħażin daqs kemm hija d-diskriminazzjoni kontra oħrajn fuq il-bażi tal-kulur tal-ġilda tagħhom. Madankollu, in-nies jidhru li għandhom għażla dwar il-preferenza sesswali tagħhom, imma mhux dwar il-kulur tal-ġilda tagħhom. Għalhekk kull min stqarr li huwa omosesswali (u għalhekk jixraqlu dak kollu li dak l-istat ta' minoranza jġib miegħu bħala konsegwenza) għandu joqgħod jew jissottometti lilu nnifsu għal prova jew test ġenetiku biex jiddetermina jekk hu kienx tassew omosess-wali jew inkella kien qiegħed sempliċiment jagħmel il-parti ta' omosesswali. Oħrajn forsi jkunu jridu li jipprotieġu l-imħuħ jew il-kodiċi ġenetiċi ta' impjegati prospettivi biex b'hekk huma **jkunu jistgħu** jiddiskriminaw kontra l-omosesswali. Robert Sapolsky, bi tbissima fuq wiċċu, jpoġġi l-kwistjoni (tax-xogħol ta' LeVay) f'perspettiva kif inhu ġej:

> Ninfurmaw aħna lil l-adoloxxenti dwar il-qies tan-nukleju tagħhom meta huma jkunu għadhom ma sarux sesswalment attivi u ma jkunux esprimew preferenza sesswali? X'nagħmlu

> aħna b'adult ferħan u fil-miftuħ li hu *gay* li n-nukleju tiegħu huwa l-qies ħażin? X'nagħmlu aħna minn nuklei ta' qies tan-nofs? U l-Amministrazzjoni ta' l-Ikel u d-Drogi sejra tiċċaqlaq biex ixxekkel is-saħna tal-lablaba qarrieqa li tista' tkun predikata li jxejru l-metodi tagħhom li jibdlu l-qies tan-nukleju (1992, p. 43)?

## ANORMALITAJIET KROMOŻONIĊI

Porzjon żgħir mill-popolazzjoni umana huwa mwieled b'anormalitajiet kromożoniċi jinvolvu aktar milli mistenni jew inqas kromożoni. Irġiel bl-hekk imsejjaħ is-sindromu ta' 'Klinefelter' għandhom sett ta' XXY kromożoni u organi ġenitali maskili. Iżda l-kromożona (X) femminili żejda tikkawża sterilità, dewmien okkażjonali mentali, u żviluppar ta' sider kbir u karatteristiċi oħra femminili. Fis-sindromu 'Turner', il-kromożona Y hija nieqsa. Dawn l-individwi XO jidhru nisa, għalkemm l-iżvilupp ta' organi riproduttivi huwa mdewwem, u tirriżulta l-isterilità.

Problemi oħra bi bdil sesswali mhumiex relatati għal kromożoni żejda jew nieqsa. Per eżempju, tfal b'xort'oħra ta' tagħmira ġenetika maskili normali (XY) jista' jkollhom insensittività ta' sin-dromu androġenu (jiġifieri, li għandhom minn raġel u minn mara) li jżomm jew ma jħallix l-iżviluppar ta' l-organi tar-raġel. Konseg-wentament, id-dehra tagħhom hija għal kollox femminili, u s-sind-romu ta' spiss ma jkunx magħruf sakemm huma jilħqu ż-żmien ta' l-iżvilupp u jonqsu milli jkollhom il-perjodu ta' kull xahar.

Għalkemm kondizzjonijiet bħal dawn jaffettwaw biss frazzjoni żgħira tal-popolazzjoni, dawn spiss huma diskussi fil-kuntest ta' l-omosesswalità. Il-ġenetista E.B. Ford, per eżempju, ifisser lil dawk bis-sindromu *Klinefelter* bħala "nisa wisq ikkonvertuti għal irġiel," u dawk bis-sindromu *Turner* bħala "irġiel wisq ittrasformati f'nisa." (1979, p. 41.) Hu mbagħad jenfasizza komponent ġenetiku fl-omosesswalità imma qatt ma jipprovdi xi prova għall-ħolqa bħal din.

Ħafna kittieba f'din l-għalqa jagħrfu li ma hemm ebda relazzjoni kawżattiva bejn difetti bħal dawn u orjentazzjoni sesswali. Per eżempju, William P. Wilson josserva li dawk bis-sindromu *Klinefelter* għandhom ftit żieda ta' inċidenza ta' omosesswalità u taqleb minn ħaġa għal oħra, imma hu jikkonkludi:

> …ma jistax ikun muri li mġieba omosesswali hija direttament ipproduċuta permezz tat-trassmissjoni ta' mġieba ġenetikament iddeterminata jew b'dak li jiġri permezz ta' numru eċċessiv jew nieqes ta' kromożoni żejda femminili jew maskili jinfluwenzaw l-imġieba sesswali, imma dan mhux neċessarjament ifisser li dawn jikkawżaw l-omosesswalità. (1979, p. 153.)

Bl-istess mod, George C. Scipione jargumenta:

> Hemm kważi qbil għal kollox fost kittieba sekulari li trasversaliżmu u trassesswaliżmu m'għandhom l-ebda bażi bijoloġika. Il-fatt li l-ermafroditi (nies li għandhom flimkien sess il-mara u sess ir-raġel) għandhom ftit, jekk hemm, problemi mat-trassesswaliżmu, meta wieħed jistennihom li jkollhom problemi jekk xi grupp ta' nies ikollhom, jipprova li ma hemmx kawża psikoloġika. (1990. 4:33.)

It-trobbija hija probabbilment responsabbli għall-ġrajja medja ta' l-omosesswalità fin-nies b'anoramlitajiet tal-kromożoni sesswali. Ġenituri, li ma jkunux jafu l-kondizzjoni ġenetika ta' wliedhom, irabbuhom bħala subjien u bniet skond id-dehra esterna ta' l-organi sesswali tagħhom. Problemi psikoloġiċi jistgħu mbagħad iqumu fil-bidu tal-pubertà, jew meta huma jonqsu milli jkollhom it-tfal tagħhom infushom. Sa dan il-waqt, iżda, l-identità tal-ġeneru (tifel jew tifla) normalment tkun stabbilità sewwa. Ukoll hekk, kirurġija u ormoni huma xi kultant ta' għajnuna f'li jżidu l-abbiltà tagħhom biex iwettqu r-rwol tagħhom bħala nisa u rġiel.

## ĦOLQIEN U OMOSESSWALITÀ

Xi nies jistqarru, minn naħa ta' l-argument "tan-natura," li Alla għamel l-omosesswali. Rapport wieħed ikkwota mara lesbjana li qalet, "Jiena nħossni bħala persuna u li qiegħdha fil-mod li Alla għamilni. Jiena ħolqien Tiegħu u ma nistax nifhem kif il-ħolqien ta' Alla jista' jkun dnub meta jiena qiegħdha biss fil-mod kif Hu għamilni." (Hightower, 1991, p. 518.) Nistħajjel, il-pass li jmiss ikun li tiċħad li Alla qatt xi darba ikkundanna l-omosesswalità, jew li l-ordnijiet tal-Bibbja Mqaddsa kontra l-omosesswalità ma jappli-kawx illum!

Il-problema prinċipali ma' din il-veduta hija li Alla ma ħalaqx l-omosesswali. Pjuttost, Hu ħalaq raġel u mara, u poġġha 'l quddiem żwieġ monogamu, u **etero**sesswali bħala l-uniku lok sewwa għal l-għaqda sesswali (Ġenesi 2:21-24; Mattew 19:3-9). Alla ħalaq lil Adam u 'l Eva u huma, bħala raġel u martu, kellhom lil Kajin, Abel, Set, u tfal oħra, subjien u bniet (Ġenesi 5:4).

Ukoll jekk difetti ġenetiċi jistgħu li jkunu ppruvati biex jikkaw-żaw tendenzi omosesswali, għandu jkun innutat li dawn id-difetti tfaċċaw biss minħabba d-dnub tal-bniedem. It-tneħħija tiegħu mis-siġra tal-ħajja wasslet għall-mewta umana u taħsir (Ġenesi 3:22; Rumani 5:12), li jinkludi mard konġenitu li jirriżulta fil-ħin tat-twelid bil-bidla fil-karatteristiċi tat-tarbija. Il-Kristjani ma jistgħux jitfgħu l-ħtija fuq Alla jew jattribwixxu lil Alla x-xewqa tagħhom biex ikollhom relazzjoni sesswali ma' membri tas-sess tagħhom stess.

## KWISTJONI TA' GĦAŻLA

Ix-xhieda kollha tissuġġerixxi li x-xewqa għas-sess oppost, operazzjonijiet ta' bdil tas-sess, u li wieħed jilbes tas-sess oppost, huma mod ta' ħajja b'għażla; dawn mhumiex iddeterminati permezz tat-tnissil jew ta' l-ambjent. Fi tweġiba għall-karta ta' LeVay, Thomas A. Schoefed kiteb li l-moħħ "juri x-xogħol kemm tat-trobbija kif ukoll tan-natura," imma l-għażla għandha tkun magħrufa bħala "proċess bijoloġiku qawwi fid-dritt tagħha nfisha" (1991).

L-omosesswalità mhix marda. Din ma tistax, per eżempju, tkun ittrattata permezz ta' ormoni tar-raġel b'xi suċċess (David, 1985, p. 110). U, b'xejn aktar minn vot ta' l-American Psychiatric Asso-ciation, fis-sena 1973, l-omosesswalità kienet imneħħija mill-kata-logu tal-mard mentali. Skond Wilson, dan il-vot,

> …jirrifletti reżistenza straordinarja ta' l-omosesswalità għal l-intervent psikjatru…Din l-istqarrija hija appoġġjata bl-istudju ta' Weinberg u Williams li fih huma jiżguraw li 68 fil-mija ta' l-omosesswali qatt ma rċevew trattament għal l-omosesswalità tagħhom u 82 fil-mija ma kellhom ebda xewqa għall-kura (1980, p. 159).

Madankollu, suċċess konsiderevoli kien miksub ma' omo-sesswali li **riedu** għajnuna professjonali (David, 1985, p. 110). John Davis jikkwota mill-psikoloġista David Barlow hekk: "…'li tibdel il-preferenza sesswali mhuwiex partikolarment diffiċli għal dawk li jagħmlu dik l-għażla,'" u jżid, "Bidla bħal din hija possib-bli saħansitra fl-hekk imsejħa 'Kinsey 6' jew 'omosesswali obliga-torju' li qatt ma esperjenza relazzjoni heterosesswali. (1985, p. 112).

L-għażla hija l-kwistjoni tat-toqol għal l-attitudni mentali tal-Kristjan, u d-demm li jsalva ta' Kristu huma l-muftieħ f'li jgħin l-omosesswali li jagħżlu biex iħallu l-mod ta' ħajja immorali tagħ-hom. Bill Flatt, kunsillier Kristjan ta' l-omosesswali, jikkonkludi: "L-għajnuna ta' Alla, għajnuna professjonali, u kontroll tiegħek innifsek huma kollha partijiet importanti tas-soluzzjoni" (1990, p. 13; ara wkoll Flatt, et al., 1983).

Riċerka bħal dik ta' LeVay, u Bailey u Pillard, hija miftuħa għal l-abbuż. Argumenti li jiffokaw fuq in-natura jew it-trobbija (nutriment) jew fuq it-tnejn, jidhru li jissuġġerixxu li aħna nistgħu nitfgħu l-ħtija fuq jew niġġustifikaw kull ħaġa oħra jew lil xi ħadd ieħor barra fuqna nfusna—"il-ġene (tnissil) ġiegħelni nagħmel dan," jew "il-ġenituri tiegħi jaħtu." Dawn jimplikaw nuqqas ta' rieda ħielsa mogħtija minn Alla, u jnaqqsu l-qawwa li tibdel ta' l-Evanġelju (Rumani 1:16; 1 Korintin 6:9-11). Huma x'inhuma r-

raġunijiet għal l-omosesswalità, imġieba bħal din hija wisq ħafna l-prodott tad-deċiżjoni tal-bniedem biex ma jobdix lil Alla (ara Levitku 18:22; Rumani 1:26, 27; eċċ). Madankollu, kull min jobdi lil Alla għandu t-tama.

## KONKLUŻJONI

Għalkemm id-dnub jiżviluppa għall-ħafna frott qares f'din il-ħajja, l-aktar traġiku fost kollox, naturalment, huwa l-frott ta' kundanna eterna (Mattew 25:46).

Aħna huwa dak kollu li għandna, tafu dan int. Kulma aħna nippossiedu xi darba jittieħed minn għandna, jew inkella aħna nkunu meħudin minnu. Imbagħad kull ma jibqa' huwa dak li aħna—il-kreatura ta' ġewwa. Huwa għaqli jew iblah li nonqsu milli nassiguraw il-ġid ta' l-unika parti tagħna li tibqa' teżisti għal l-eternità? Mhux ta' xejn Alla wissa: "Iżda min jidneb kontra tiegħi, jagħmel deni lil ruħu" (Proverbji 8:36). "Il-ħażin jinqabad fil-ħażen tiegħu stess, u bil-ħbula ta' dnubietu jirtabat" (Proverbji 5:22). Huwa bluha, mhux għaqal, li nwarrbu l-ilmijiet tal-ħajja, u, bħall-ħuta barra mill-ilma, biex inġibu mewta spiritwali u qirda fuqna nfusna. "*Għax x'jiswielu bniedem, jekk jirbaħ id-dinja kollha, u jitlef ruħu stess?*" (Mark 8:36).

> "*U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Rumani 15:22; Salm 78:7).

## RIFERENZI


Bailey, J. Michael and Richard C. Pillard (1991), "A Genetic Study of Male Sexual Orientation," *Archieves of General Psychiatry*, 48:1089-1096.

Baringa, Marcia (1991), "Is Homosexuality Biological?," *Science*, 253:956-957).

Davis, John Jefferson (1985), *Evangelical Ethics* (Phillipsburg, NJ: Presbyterian & Reformed).

Flatt, Bill (1990), "Homosexuality," *The Spiritual Sword*, 22[1]:11-14.

Flatt, Bill, Jack Lewis, and Dowell Flatt (1983), Counselling Homosexuals 'Jonesboro, AR: National Christian Press).

Ford, E.B. (1079), *Understanding Genetics* (New York: Pica Press).

Hightower, Terry M., (1991*), Biblical Ethics* (San Antonio, TX: Shenandoah Church of Christ).

Holden, Constance (1992), "Twin Study Links Genes to Homosexuality," *Science News*, 255:33.

LeVay, Simon (1991), "A Difference in Hypothalamic Structure Between Heterosexual and Homosexual Men" *Science*, 253:1034-1037.

Morris, Charles G. (1991), *Understanding Psychology* (Englewood Cliffs, NJ:Prenctice Hall).

Sapolsky, Robert (1991), "How Big is Yours?," *Discovery*, March, pp. 40-43).

Schoenfeld, Thomas A. (1991), "Letters: Biology and Homosexuality," *Science*, 254:630.

Scipione, George C. (1990), "The Biblical Ethics of Transexual Operations." *Journal of Biblical Ethics in Medicine*, 4:30-37.

Wilson, William P. (1979), “Biology, Psychology, and Homosexuality,” *What You Should Know About Homosexuality*, ed. Charles W. Keysor (Grand Rapids, MI: Zondervan).